**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2015/0278(COD)**

6.4.2017

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi
(COM(2015)0615 – C8-0387/2015 – 2015/0278(COD))

Rapporteur (*): Ádám Kósa

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

## EMENDA

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tqarreb il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri**,** billi telimina l-ostakli għall-moviment liberu ta' ċerti prodotti u servizzi aċċessibbli. Dan se jżid id-disponibbiltà ta' prodotti u servizzi aċċessibbli fis-suq intern. | (1) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tqarreb il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri ***u*** billi telimina l-ostakli għall-moviment liberu ta' ċerti prodotti u servizzi aċċessibbli. Dan se jżid id-disponibbiltà ta'***, u jtejjeb l-aċċessibbiltà u l-prattiċità ta' informazzjoni dwar,*** prodotti u servizzi aċċessibbli fis-suq intern. |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Id-domanda għall-prodotti u s-servizzi aċċessibbli hija għolja u l-għadd ta' ***ċittadini b'diżabilitajiet u/jew limitazzjonijiet funzjonali*** se jiżdied b'mod sinifikanti hekk kif il-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea tixjieħ dejjem iktar. Permezz ta' ambjent fejn il-prodotti u s-servizzi jkunu aktar aċċessibbli, jista' jkun hemm soċjetà aktar inklużiva u ***jiġi ffaċilitat*** għajxien indipendenti. | (2) Id-domanda għall-prodotti u s-servizzi aċċessibbli hija għolja u l-għadd ta' ***persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, b'konformità mal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD),*** se jiżdied b'mod sinifikanti hekk kif il-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea tixjieħ dejjem iktar. Permezz ta' ambjent fejn il-prodotti u s-servizzi jkunu aktar aċċessibbli, jista' jkun hemm soċjetà aktar inklużiva u ***dan huwa prerekwiżit għal*** għajxien indipendenti. |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Minħabba d-differenzi fir-rekwiżiti nazzjonali dwar l-aċċessibbiltà, il-professjonisti individwali, l-SMEs u l-mikrointrapriżi b'mod partikolari, huma skoraġġuti milli jidħlu fi proġetti kummerċjali 'l barra mis-swieq nazzjonali tagħhom. Ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà nazzjonali, jew anki reġjonali jew lokali, li l-Istati Membri daħħlu fis-seħħ bħalissa jvarjaw kemm f'termini ta' kopertura kif ukoll f'termini ta' livell ta' dettall. Dawk id-differenzi jaffettwaw b'mod negattiv il-kompetittività u ***t-tkabbir***, minħabba l-ispejjeż addizzjonali mġarrba fl-iżvilupp u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u servizzi aċċessibbli għal kull suq nazzjonali. | (4) Minħabba d-differenzi fir-rekwiżiti nazzjonali dwar l-aċċessibbiltà, il-professjonisti individwali, l-SMEs u l-mikrointrapriżi b'mod partikolari, huma skoraġġuti milli jidħlu fi proġetti kummerċjali 'l barra mis-swieq nazzjonali tagħhom. Ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà nazzjonali, jew anki reġjonali jew lokali, li l-Istati Membri daħħlu fis-seħħ bħalissa jvarjaw kemm f'termini ta' kopertura kif ukoll f'termini ta' livell ta' dettall. Dawk id-differenzi jaffettwaw b'mod negattiv il-kompetittività u ***l-iżvilupp ekonomiku***, minħabba l-ispejjeż addizzjonali mġarrba fl-iżvilupp u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u servizzi aċċessibbli għal kull suq nazzjonali. ***L-awtoritajiet nazzjonali, il-manifatturi u l-fornituri tas-servizzi jiffaċċjaw inċertezzi fir-rigward kemm tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għas-servizzi transfruntieri potenzjali, kif ukoll tad-dispożizzjonijiet tal-qafas politiku dwar l-aċċessibbiltà.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Il-konsumaturi ta' prodotti aċċessibbli u r-riċevituri ta' servizzi aċċessibbli qed iħabbtu wiċċhom ma' prezzijiet għolja minħabba kompetizzjoni limitata fost il-fornituri. Il-frammentazzjoni fost ir-regolamenti nazzjonali tnaqqas il-benefiċċji potenzjali li jirriżultaw mill-qsim ta' esperjenzi ma' pari nazzjonali u internazzjonali fir-risposta tagħhom għall-iżviluppi | (5) Il-konsumaturi ta' prodotti aċċessibbli***, inklużi b'mod partikolari t-teknoloġiji ta' assistenza,*** u r-riċevituri ta' servizzi aċċessibbli qed iħabbtu wiċċhom ma' prezzijiet għolja minħabba kompetizzjoni limitata fost il-fornituri. Il-frammentazzjoni fost ir-regolamenti nazzjonali tnaqqas il-benefiċċji potenzjali li jirriżultaw mill-qsim ta' esperjenzi ma' pari nazzjonali u internazzjonali fir- |

teknoloġiċi u tas-soċjetà. | risposta tagħhom għall-iżviluppi teknoloġiċi u tas-soċjetà.

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-approssimazzjoni tal-miżuri nazzjonali fil-livell tal-Unjoni ***hija*** għalhekk ***meħtieġa għall-funzjonament*** tajjeb tas-suq intern sabiex ***tintemm*** il-frammentazzjoni fis-suq ta' prodotti u servizzi aċċessibbli, biex jinħolqu ekonomiji ta' skala, jiġu ffaċilitati ***l-kummerċ*** u l-mobilità ***transfruntiera***, kif ukoll biex l-operaturi ekonomiċi jiġu megħjuna jikkonċentraw ir-riżorsi fuq l-innovazzjoni minflok ma jużaw dawn ir-riżorsi għall-konformità ma' rekwiżiti legali frammentati madwar l-Unjoni. | (6) L-approssimazzjoni tal-miżuri nazzjonali fil-livell tal-Unjoni għalhekk ***tippromwovi aħjar il-funzjonament*** tajjeb tas-suq intern sabiex ***titnaqqas*** il-frammentazzjoni fis-suq ta' prodotti u servizzi aċċessibbli, biex jinħolqu ekonomiji ta' skala, jiġu ffaċilitati ***kemm il-kummerċ transfruntier kif ukoll il-moviment mingħajr ostakli tal-prodotti, tas-servizzi u tal-persuni*** u l-mobilità ***tal-persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità***, kif ukoll biex l-operaturi ekonomiċi jiġu megħjuna jikkonċentraw ir-riżorsi fuq l-innovazzjoni minflok ma jużaw dawn ir-riżorsi għall-konformità ma' rekwiżiti legali frammentati madwar l-Unjoni. |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ tad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità li jgawdu minn miżuri mfassla biex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u okkupazzjonali u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-komunità u li tippromwovi l-applikazzjoni ***tal-Artikolu*** 26 tal-Karta tad- | (9) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ tad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità ***u persuni anzjani*** li jgawdu minn miżuri mfassla biex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u okkupazzjonali u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-komunità u li tippromwovi l-applikazzjoni ***tal-*** |

| | |
|---|---|
| Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. | ***Artikoli 21, 25 u*** 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) L-għan ġenerali tal-"Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali", huwa li ***jwassal*** benefiċċji ekonomiċi u soċjali sostenibbli minn suq uniku diġitali konness. Il-konsumaturi tal-Unjoni għadhom mhux qed igawdu l-benefiċċji kollha ta' prezzijiet u għażla li jista' joffri s-suq uniku, minħabba li t-tranżazzjonijiet onlajn transfruntiera għadhom limitati ħafna. Il-frammentazzjoni tillimita wkoll id-domanda għat-tranżazzjonijiet transfruntiera tal-kummerċ elettroniku. Tinħtieġ ukoll azzjoni konġunta biex jiġi żgurat li l-kontenut elettroniku l-ġdid ikun disponibbli bis-sħiħ ukoll għall-persuni b'diżabilità. Għaldaqstant, jinħtieġ li jiġu armonizzati r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà fis-suq uniku diġitali u li jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha tal-Unjoni, irrispettivament mill-abbiltajiet tagħhom, ikunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji tiegħu. | (10) L-għan ġenerali tal-"Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali", huwa li ***twassal*** benefiċċji ekonomiċi u soċjali sostenibbli minn suq uniku diġitali konness***, filwaqt li tiffaċilita l-kummerċ u tippromwovi l-impjiegi fi ħdan l-Unjoni***. Il-konsumaturi tal-Unjoni għadhom mhux qed igawdu l-benefiċċji kollha ta' prezzijiet u għażla li jista' joffri s-suq uniku, minħabba li t-tranżazzjonijiet onlajn transfruntiera għadhom limitati ħafna. Il-frammentazzjoni tillimita wkoll id-domanda għat-tranżazzjonijiet transfruntiera tal-kummerċ elettroniku. Tinħtieġ ukoll azzjoni konġunta biex jiġi żgurat li l-kontenut elettroniku l-ġdid ikun disponibbli bis-sħiħ ukoll għall-persuni b'diżabilità. Għaldaqstant, jinħtieġ li jiġu armonizzati r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà fis-suq uniku diġitali u li jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha tal-Unjoni, irrispettivament mill-abbiltajiet tagħhom, ikunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji tiegħu. |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni fl-ordnijiet ġuridiċi tal-Istati Membri jimplika l-ħtieġa li jiġu adottati dispożizzjonijiet nazzjonali addizzjonali dwar l-aċċessibbiltà ta' prodotti u servizzi li mingħajr azzjoni ***tal-UE*** jkomplu jżidu d-differenzi bejn id- | (13) Id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni fl-ordnijiet ġuridiċi tal-Istati Membri jimplika l-ħtieġa li jiġu adottati dispożizzjonijiet nazzjonali addizzjonali dwar l-aċċessibbiltà ta' prodotti u servizzi ***u l-ambjent mibni relatat mal-provvista ta' oġġetti u servizzi*** |

dispożizzjonijiet nazzjonali.

li mingħajr azzjoni ***tal-Unjoni*** jkomplu jżidu d-differenzi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali.

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) L-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020 – Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakli[33] – f'konformità mal-Konvenzjoni, ***tistabilixxi*** l-aċċessibbiltà bħala wieħed mit-tmien oqsma ta' azzjoni, u għandha l-għan li tiżgura l-aċċessibbiltà tal-prodotti u tas-servizzi. | (15) L-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020 – Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakli[33] – f'konformità mal-Konvenzjoni, ***tistabbilixxi*** l-aċċessibbiltà bħala wieħed mit-tmien oqsma ta' azzjoni***, li hija prekundizzjoni bażika għal parteċipazzjoni fis-soċjetà***, u għandha l-għan li tiżgura l-aċċessibbiltà tal-prodotti u tas-servizzi. |
| [33] COM(2010)636. | [33] COM(2010)636. |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) ***Kull*** prodott u ***kull*** servizz ***irid jikkonforma mar-rekwiżiti*** ta' aċċessibbiltà identifikati fl-Artikolu 3 u elenkati fl-Anness I biex ***ikun*** aċċessibbli għal persuni b'diżabilità jew persuni anzjani. L-obbligi ta' aċċessibbiltà tal-kummerċ elettroniku japplikaw ukoll għall-bejgħ onlajn tas-servizzi skont l-Artikolu 1(2)(a) sa (e) ta' din id-Direttiva. | (17) ***Għal kull*** prodott u servizz ***li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jkun hemm disponibbli rapport ta' aċċessibbiltà, li jiddeskrivi liema mir-rekwiżiti*** ta' aċċessibbiltà identifikati fl-Artikolu 3 u elenkati fl-Anness I ***ġew implimentati*** biex ***jagħmlu l-prodott jew is-servizz*** aċċessibbli għal persuni b'diżabilità jew persuni anzjani***. Ir-rapport ta' aċċessibbiltà huwa lista jew dikjarazzjoni tal-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà li tagħmel parti mid-deskrizzjoni ġenerali tal-prodott kif meħtieġ fl-Anness II u tas-servizzi kif meħtieġ fl-Anness III***. L- |

obbligi ta' aċċessibbiltà tal-kummerċ elettroniku japplikaw ukoll għall-bejgħ onlajn tas-servizzi skont l-Artikolu 1(2)(a) sa (e) ta' din id-Direttiva.

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) ***Jeħtieġ*** li jiġu introdotti rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ***bl-eħfef mod għall-operaturi ekonomiċi u għall-Istati Membri***, ***b'mod partikolari billi jiġu inklużi biss fil-kamp ta' applikazzjoni l-prodotti u s-servizzi*** li ***ntgħażlu bir-reqqa***. | (18) ***Huwa meħtieġ*** li jiġu introdotti rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ***li jippermettu li l-persuni kollha b'limitazzjonijiet funzjonali***, ***inklużi l-persuni b'diżabilità, jużaw bis-sħiħ il-prodotti u s-servizzi u l-infrastruttura koperti b'din id-Direttiva. Jenħtieġ*** li ***jiġu introdotti rekwiżiti ta' aċċessibbiltà bl-eħfef mod għall-operaturi ekonomiċi u għall-Istati Membri***. |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) ***F'ċerti sitwazzjonijiet, ir-rekwiżiti*** ta' aċċessibbiltà komuni tal-ambjent mibni ***jiffaċilitaw il-moviment liberu tas-servizzi relatati*** u tal-persuni b'diżabilità. Għaldaqstant, din id-Direttiva ***tippermetti*** lill-Istati Membri jinkludu l-ambjent mibni użat fl-għoti tas-servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, filwaqt li tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness X. | (23) ***Ir-rekwiżiti*** ta' aċċessibbiltà komuni tal-ambjent mibni ***huma importanti għall-prodotti u huma essenzjali sabiex jiġu żgurati servizzi aċċessibbli*** u ***jenħtieġ li jiffaċilitaw il-moviment liberu*** tal-persuni b'diżabilità. Għaldaqstant, din id-Direttiva ***timpenja*** lill-Istati Membri jinkludu ***b'mod sħiħ*** l-ambjent mibni użat fl-għoti tas-servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, filwaqt li tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness X. |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(25a) Meta jiġu identifikati u kklassifikati l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità li l-prodott jew is-servizz huwa maħsub biex jissodisfa, il-prinċipju ta' disinn universali jenħtieġ li jitqies f'konformità mal-Kumment Ġenerali Nru 2(2014) dwar l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità[1a].*** |

***[1a] https://documents-dds-ny.un.org/doc/UNDOC/GEN/G14/033/13/PDF/G1403313.pdf?OpenElement***

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (28) L-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni ***għandhom*** jiżguraw li jagħmlu disponibbli fis-suq biss dawk il-prodotti li jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ta' din id-Direttiva. Jeħtieġ li tiġi stipulata distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu għar-rwol ta' kull operatur fil-proċess tal-provvista u tad-distribuzzjoni. | (28) L-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni ***jenħtieġ li*** jiżguraw li jagħmlu disponibbli fis-suq biss dawk il-prodotti li jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ta' din id-Direttiva***, inklużi r-rekwiżiti ta' rapportar***. Jeħtieġ li tiġi stipulata distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu għar-rwol ta' kull operatur fil-proċess tal-provvista u tad-distribuzzjoni. |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 37**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (37) Din id-Direttiva ***għandha ssegwi l-*** | (37) Din id-Direttiva ***jenħtieġ li tkun*** |

***prinċipju "l-ewwel aħseb fiż-żgħir" u għandha tqis*** il-piżijiet amministrattivi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom l-SMEs. ***Għandha*** tistabbilixxi ***r-regoli ħfief*** f'termini ***tal-valutazzjoni*** tal-konformità ***u għandha tistabbilixxi klawżoli*** ta' ***salvagwardja għall-operaturi ekonomiċi, minflok ma tistipula eċċezzjonijiet u derogi ġenerali għal dawn l-intrapriżi***. Konsegwentement, meta jiġu stabbiliti regoli għall-għażla u għall-implimentazzjoni tal-aktar proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità xierqa, għandha titqies is-sitwazzjoni tal-SMEs filwaqt li l-obbligi biex tiġi vvalutata l-konformità tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ***għandhom*** jiġu limitati sal-punt li dawn ma joħolqux piż sproporzjonat fuq l-SMEs. Barra minn hekk, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ***għandhom*** joperaw b'mod proporzjonat fir-rigward tad-daqs tal-intrapriżi u tan-natura ta' serje żgħira jew bla serje tal-produzzjoni kkonċernata, mingħajr ma jinħolqu ostakli bla bżonn għall-SMEs u mingħajr ma tiġi kompromessa l-protezzjoni tal-interessi pubbliċi.

***wiesgħa, filwaqt li tqis ukoll*** il-piżijiet amministrattivi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom l-SMEs. ***Jenħtieġ li*** tistabbilixxi ***regoli preċiżi u effikaċi*** f'termini ***ta' valutazzjoni*** tal-konformità***. L-eċċezzjonijiet għar-regoli*** ta' ***valutazzjoni tal-konformità jenħtieġ li jiġu interpretati strettament f'konformità ma' din id-Direttiva***. Konsegwentement, meta jiġu stabbiliti regoli għall-għażla u għall-implimentazzjoni tal-aktar proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità xierqa, għandha titqies is-sitwazzjoni tal-SMEs filwaqt li l-obbligi biex tiġi vvalutata l-konformità tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ***jenħtieġ li*** jiġu limitati sal-punt li dawn ma joħolqux piż sproporzjonat fuq l-SMEs. Barra minn hekk, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ***jenħtieġ li*** joperaw b'mod proporzjonat fir-rigward tad-daqs tal-intrapriżi u tan-natura ta' serje żgħira jew bla serje tal-produzzjoni kkonċernata, mingħajr ma jinħolqu ostakli bla bżonn għall-SMEs u mingħajr ma tiġi kompromessa l-protezzjoni tal-interessi pubbliċi.

## Emenda 16

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 39**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (39) Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti applikabbli hemm bżonn ta' dispożizzjoni għal preżunzjoni ta' konformità għall-prodotti u għas-servizzi li huma f'konformità mal-istandards armonizzati volontarji li huma adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] bl-iskop li jkunu espressi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ta' dawk ir-rekwiżiti. Il-Kummissjoni diġà ħarġet għadd ta' talbiet għal standardizzazzjoni lill-organizzazzjonijiet | (39) Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti applikabbli ***fir-rigward tal-aċċessibbiltà,*** hemm bżonn ta' dispożizzjoni għal preżunzjoni ta' konformità għall-prodotti u għas-servizzi li huma f'konformità mal-istandards armonizzati volontarji li huma adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] bl-iskop li jkunu espressi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ta' dawk ir-rekwiżiti. Il-Kummissjoni diġà ħarġet għadd ta' talbiet għal standardizzazzjoni lill- |

| | |
|---|---|
| Ewropej ta' standardizzazzjoni dwar l-aċċessibbiltà li jkunu rilevanti għat-tħejjija ta' standards armonizzati. | organizzazzjonijiet Ewropej ta' standardizzazzjoni dwar l-aċċessibbiltà li jkunu rilevanti għat-tħejjija ta' standards armonizzati. |
| ___________________ | ___________________ |
| [39] Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12). | [39] Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12). |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Fin-nuqqas ta' standards armonizzati u fejn ***meħtieġ*** għal skopijiet ta' armonizzazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni ***għandha*** tkun tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti f'din id-Direttiva. | (40) Fin-nuqqas ta' standards armonizzati u fejn ***neċessarju*** għal skopijiet ta' armonizzazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** tkun tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti f'din id-Direttiva. |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) Għall-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti, din id-Direttiva ***għandha*** tuża l-kontroll intern tal-produzzjoni tal- | (42) Għall-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti, din id-Direttiva ***jenħtieġ li*** tuża l-Kontroll Intern tal-Produzzjoni tal- |

"Modulu A", deskritt fl-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE, billi din tgħin lill-operaturi ekonomiċi biex juru, u lill-awtoritajiet kompetenti biex jiżguraw, li l-prodotti li jsiru disponibbli fis-suq huma konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà, filwaqt li ma jimponux piż sproporzjonat.

"Modulu A", deskritt fl-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE, billi din tgħin lill-operaturi ekonomiċi biex juru, u lill-awtoritajiet kompetenti biex jiżguraw, li l-prodotti li jsiru disponibbli fis-suq huma konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ***f'konformità mar-rapport tal-manifattur dwar il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà inklużi fl-apparat inkwistjoni***, filwaqt li ma jimponux piż sproporzjonat.

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 44**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (44) It-tikketta CE, li tindika l-konformità ta' prodott mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ta' din id-Direttiva, hija l-konsegwenza viżibbli ta' proċess sħiħ li jinkludi l-valutazzjoni tal-konformità f'sens wiesa'. Din id-Direttiva ***għandha*** ssegwi l-prinċipji ġenerali li jirregolaw it-tikketta CE tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40] li ***jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament*** u ***għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni*** ta' prodotti. | (44) It-tikketta CE, li tindika l-konformità ta' prodott mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà ta' din id-Direttiva, hija l-konsegwenza viżibbli ta' proċess sħiħ li jinkludi l-valutazzjoni tal-konformità f'sens wiesa'. Din id-Direttiva ***jenħtieġ li*** ssegwi l-prinċipji ġenerali li jirregolaw it-tikketta CE tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40]***. L-Istati Membri jenħtieġ li jiskambjaw prattiki tajba fir-rigward tal-proċeduri għall-evalwazzjoni ta' prodotti u servizzi aċċessibbli, u jenħtieġ li jżommu lil xulxin infurmati dwar id-disponibbiltà ta' esperti fil-qasam ta' oġġetti u prodotti aċċessibbli f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet umbrella li joperaw fil-qasam tal-aċċessibbiltà u li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità.*** |

[40] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

[40] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu -1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu -1*** |
| | ***Objettivi*** |
| | ***Sabiex jitjieb il-funzjonament tas-suq intern, din id-Direttiva għandha l-għan li tapprossima l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri u li telimina l-ostakli għall-moviment liberu ta' prodotti u servizzi aċċessibbli.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) is-sistemi operattivi u l-ħardwer tal-kompjuter bi skop ġenerali; | (a) is-sistemi operattivi u l-ħardwer tal-kompjuter bi skop ġenerali ***u l-apparati domestiċi mħaddma minn interfaċċja tal-utent b'teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT)***; |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***it-terminals*** self-service ***li ġejjin***: | (b) ***terminals*** self-service***, bħalma huma***: |
| (i) il-Magni Awtomatiċi għall-Ġbid tal-Flus; | (i) il-Magni Awtomatiċi għall-Ġbid tal-Flus; |
| | ***(ii) it-terminals tal-pagamenti;*** |

| | |
|---|---|
| *(ii)* il-magni tal-biljetti; | *(iii)* il-magni tal-biljetti; |
| *(iii)* il-magni taċ-check-in. | *(iv)* il-magni taċ-check-in. |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) is-servizzi tal-midja awdjoviżiva u ***t-tagħmir tat-terminals għall-konsumaturi*** relatat b'kapaċitajiet avvanzati tal-informatika; | (b) is-servizzi tal-midja awdjoviżiva**,** ***midja*** u ***siti web tal-aħbarijiet kummerċjali u ffinanzjati pubblikament u t-tagħmir*** relatat ***tal-konsumaturi*** b'kapaċitajiet avvanzati tal-informatika; |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) is-servizzi tat-trasport għall-passiġġieri bl-ajru, bil-karozza tal-linja, bil-ferrovija u fuq l-ilma; | (c) is-servizzi tat-trasport għall-passiġġieri bl-ajru, bil-karozza tal-linja, bil-ferrovija u fuq l-ilma ***u l-infrastruttura relatata***; |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "disinn universali" li tissejjaħ ukoll "disinn għal kulħadd" tfisser id-disinn ta' prodotti, ambjenti, programmi u servizzi li jistgħu jintużaw minn kulħadd, kemm jista' jkun, mingħajr il-ħtieġa ta' adattament jew disinn speċjalizzat; "disinn universali" ma teskludix l-apparat ta' assistenza għal gruppi ta' persuni partikolari ***b'limitazzjonijiet funzjonali***, inklużi persuni b'diżabilità fejn ikun meħtieġ; | (2) "disinn universali"**,** li tissejjaħ ukoll "disinn għal kulħadd"**,** tfisser id-disinn ta' prodotti, ambjenti, programmi u servizzi li jistgħu jintużaw minn kulħadd, kemm jista' jkun, mingħajr il-ħtieġa ta' adattament jew disinn speċjalizzat; "disinn universali" ma teskludix l-apparat ta' assistenza għal gruppi ta' persuni partikolari, inklużi persuni b'diżabilità fejn ikun meħtieġ; |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) "prodott" tfisser sustanza, preparat jew oġġett, prodott permezz ta' proċess ta' manifattura, li ma jkunx ikel, għalf, pjanti jew annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini umana u prodotti tal-pjanti u tal-annimali relatati direttament mar-riproduzzjoni futura tagħhom; | (5) "prodott" tfisser sustanza, preparat jew oġġett, prodott permezz ta' proċess ta' manifattura, li ma jkunx ikel, għalf, pjanti jew annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini umana u prodotti tal-pjanti u tal-annimali relatati direttament mar-riproduzzjoni futura tagħhom ***skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46a], bl-eċċezzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva***;<br>__________________<br>[46a] ***Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4).*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) "fornitur ta' servizz" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fl-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u stabbilita fi Stat Membru, li toffri jew tforni servizz li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva;*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (21) "kummerċ elettroniku" tfisser il-bejgħ onlajn ta' prodotti u servizzi. | (21) "kummerċ elettroniku" tfisser il-bejgħ onlajn ta' prodotti u servizzi***, inkluż kwalunkwe element ta' parti terza meħtieġ għall-provvediment tal-bejgħ onlajn***. |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(21a) "teknoloġija ta' assistenza" tfisser kwalunkwe prodott, parti minn tagħmir jew sistema ta' prodott użati biex jiżdiedu, jinżammu jew jitjiebu l-kapaċitajiet funzjonali ta' individwi b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità;*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(21b) "servizz ta' aċċess" tfisser servizz bħall-awdjodeskrizzjoni, is-sottotitoli għal persuni torox u dawk neqsin mis-smigħ, u l-lingwa tas-sinjali li ttejjeb l-aċċessibbiltà tal-kontenut awdjoviżiv għall-persuni b'diżabilità;*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21c (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(21c) "awdjodeskrizzjoni" tfisser narrattiva akustika addizzjonali, flimkien mad-djalogu, li tiddeskrivi aspetti*** |

***sinifikanti tal-kontenut viżiv ta' midja awdjoviżiva li ma jistgħux jinftiehmu mill-kolonna sonora prinċipali waħidha;***

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21d) "sottotitoli għal persuni torox u dawk neqsin mis-smigħ" jew SDH tfisser testi viżivi alternattivi sinkronizzati tal-informazzjoni awdjo, kemm bi kliem kif ukoll mingħajr, meħtieġa biex jinftiehem il-kontenut tal-midja;*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21e (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21e) "sottotitoli mitkellma" jew sottotitoli awdjo tfisser il-qari b'vuċi għolja ta' sottotitoli bil-lingwa nazzjonali meta d-dikors awdjo jkun b'lingwa differenti;*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21f (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21f) "test f'ħin reali" tfisser komunikazzjoni li tuża t-trażmissjoni ta' test meta l-karattri jiġu trażmessi minn terminal kif inhuma ttajpjati b'tali mod li l-komunikazzjoni hija meqjusa kontinwa mill-utenti;*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21g (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21g) "għodda tal-awtur" tfisser kwalunkwe softwer jew ġabra ta' komponenti ta' softwer li jistgħu jintużaw mill-awturi, individwalment jew f'kollaborazzjoni, sabiex jinħoloq jew jiġi modifikat il-kontenut għall-użu minn oħrajn inklużi awturi oħra;*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21h (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21h) "servizzi ta' trażmissjoni" tfisser servizzi ta' telefonija mwettqa minn interpretu(i) jew softwer ta' interpretazzjoni li jippermettu lill-persuni torox jew neqsin mis-smigħ jew li għandhom problemi fil-lingwaġġ mitkellem, jikkomunikaw bit-telefon permezz ta' interpretu (softwer) ma' persuna li tista' tisma'/tikkomunika b'mod li huwa "funzjonalment ekwivalenti" għall-kapaċità ta' individwu mingħajr diżabilità;*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-sistemi operattivi u l-ħardwer tal-kompjuter bi skop ġenerali għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima I tal-Anness I. | 2. Is-sistemi operattivi u l-ħardwer tal-kompjuter bi skop ġenerali ***u apparati domestiċi mħaddma minn interfaċċja tal-utent b'teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni*** għandhom jikkonformaw |

mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima I tal-Anness I.

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***It-terminals*** self-service ***li ġejjin***: Il-magni awtomatiċi għall-ġbid tal-flus, il-magni tal-biljetti u l-magni taċ-check in għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima II tal-Anness I. | 3. ***Terminals*** self-service: Il-magni awtomatiċi għall-ġbid tal-flus, il-magni tal-biljetti***, it-terminals tal-pagamenti*** u l-magni taċ-check-in għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima II tal-Anness I. |

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Is-servizzi tat-telefonija, inklużi s-servizzi ta' emerġenza u t-tagħmir tat-terminals għall-konsumatur relatat magħhom b'kapaċità avvanzata tal-informatika, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima III tal-Anness I. | 4. Is-servizzi tat-telefonija, inklużi s-servizzi ta' emerġenza u t-tagħmir tat-terminals għall-konsumatur relatat magħhom b'kapaċità avvanzata tal-informatika, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima III tal-Anness I. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' mill-inqas servizz ta' trażmissjoni bbażat fuq test u servizz ta' trażmissjoni bbażat fuq vidjo, fit-territorju kollu tal-Istat Membru u f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-utenti, inklużi l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità, u għandhom jiżguraw li dawn is-servizzi tat-trażmissjoni huma interoperabbli mas-servizzi tat-telefonija. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll id-disponibilità ta' komunikazzjoni awdjo, vidjo u testwali f'ħin reali mas-servizzi ta' emerġenza nazzjonali, reġjonali u lokali abbażi tal-approċċ ta' Konversazzjoni Totali.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5 Is-servizzi tal-midja awdjoviżiva u t-tagħmir tat-terminals għall-konsumatur relatat magħhom b'kapaċità avvanzata tal-informatika, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima IV tal-Anness I. | ***5.*** Is-servizzi tal-midja awdjoviżiva***, midja u siti web tal-aħbarijiet kummerċjali u ffinanzjati pubblikament*** u t-tagħmir tat-terminals għall-konsumatur relatat magħhom b'kapaċità avvanzata tal-informatika, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima IV tal-Anness I. |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Sad-data stipulata fl-Artikolu 27(2), il-fornituri tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva li jxandru fl-UE għandhom jagħmlu aċċessibbli s-servizzi tagħhom kif ġej:*** |
| | ***– mill-inqas 75 % tal-ipprogrammar totali għandu jinkludi sottotitoli għal persuni torox u neqsin mis-smigħ (SDH);*** |
| | ***– mill-inqas 75 % tal-ipprogrammar totali sottotitolat fil-lingwa nazzjonali għandu jinkludi sottotitoli mitkellma;*** |
| | ***– mill-inqas 5 % tal-ipprogrammar totali għandu jinkludi awdjodeskrizzjoni;*** |
| | ***– mill-inqas 5 % tal-ipprogrammar totali għandu jinkludi interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Is-servizzi*** tat-trasport għall-passiġġieri bl-ajru, bil-karozza tal-linja, bil-ferrovija u fuq l-ilma, is-siti web, is-servizzi abbażi ta' apparat mobbli, it-terminals intelliġenti tal-biljetti u tal-informazzjoni f'ħin reali u t-terminals self-service, il-magni tal-biljetti u l-magni taċ-check in użati għall-forniment ta' servizzi tat-trasport tal-passiġġieri, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti korrispondenti stabbiliti ***fit-Taqsima*** V tal-Anness I. | 6. ***L-infrastruttura u s-servizzi*** tat-trasport għall-passiġġieri bl-ajru, bil-karozza tal-linja, bil-ferrovija u fuq l-ilma, is-siti web, is-servizzi abbażi ta' apparat mobbli, it-terminals intelliġenti tal-biljetti u tal-informazzjoni f'ħin reali u t-terminals self-service, il-magni tal-biljetti u l-magni taċ-check in użati għall-forniment ta' servizzi tat-trasport tal-passiġġieri, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti korrispondenti stabbiliti ***fit-Taqsimiet*** V ***u X*** tal-Anness I. |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Is-servizzi bankarji, is-siti web, ***is-servizzi*** bankarji abbażi ta' apparat mobbli, it-terminals self-service, inklużi l-magni awtomatiċi għall-ġbid tal-flus użati għall-forniment ta' servizzi bankarji għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima VI tal-Anness I. | 7. Is-servizzi bankarji, is-siti web, ***it-terminals tal-pagamenti u s-servizzi*** bankarji abbażi ta' apparat mobbli, it-terminals self-service, inklużi l-magni awtomatiċi għall-ġbid tal-flus użati għall-forniment ta' servizzi bankarji għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima VI tal-Anness I. |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 9 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-kontenut maħluq mill-utent huwa eżentat mir-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima VIII tal-Anness I, filwaqt li l-għodod tal-awtur disponibbli għandhom ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità u għandhom jiffaċilitaw il-ħolqien ta' kontenut aċċessibbli f'konformità mar-regoli stabbiliti f'din id-*** |

*Direttiva.*

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. L-Istati Membri ***jistgħu jiddeċiedu, fid-dawl tal-kundizzjonijiet nazzjonali,*** li l-ambjent mibni użat minn klijenti tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri inkluż l-ambjent li huwa ġestit ***minn fornituri*** tas-servizzi u mill-operaturi tal-infrastruttura kif ukoll l-ambjent mibni użat minn klijenti tas-servizzi bankarji, u ċ-ċentri tas-servizzi għall-klijenti u l-ħwienet fl-ambitu tal-operaturi tat-telefonija, ***għandhom jikkonformaw*** mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-Anness I, it-Taqsima X, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu ***tagħhom*** minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità. | 10. L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw*** li l-ambjent mibni użat minn klijenti tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri**,** inkluż l-ambjent li huwa ġestit ***mill-fornituri*** tas-servizzi u mill-operaturi tal-infrastruttura kif ukoll l-ambjent mibni użat minn klijenti tas-servizzi bankarji, u ċ-ċentri tas-servizzi għall-klijenti u l-ħwienet fl-ambitu tal-operaturi tat-telefonija, ***jikkonforma*** mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-Anness I, it-Taqsima X, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu ***tiegħu*** minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità. |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fejn ikun intwera***, permezz ta' dik il-proċedura, li prodott huwa konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli, il-manifatturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE u jwaħħlu t-tikketta CE. | ***Meta jintwera, permezz ta' dik il-proċedura, li prodott huwa konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli, il-manifatturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE u jwaħħlu t-tikketta CE. Huma għandhom jinkludu referenza ċara addizzjonali għall-aċċessibbiltà bħal "Prodott aċċessibbli".*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-manifatturi għandhom iżommu reġistru ta' lmenti, ta' prodotti mhux konformi u ta' prodotti msejħa lura, u għandhom iżommu lid-distributuri informati bi kwalunkwe monitoraġġ ta' dan it-tip. | 4. Il-manifatturi għandhom iżommu reġistru ta' lmenti ***b'referenza għal gruppi identifikati ta' persuni b'diżabilità***, ta' prodotti mhux konformi u ta' prodotti msejħa lura, u għandhom iżommu lid-distributuri informati bi kwalunkwe monitoraġġ ta' dan it-tip. |

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodott ikun ikkumpanjat minn struzzjonijiet u informazzjoni ta' sikurezza b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u mill-utenti aħħarija***, skont kif jiġi ddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat***. | 7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodott ikun ikkumpanjat minn struzzjonijiet u informazzjoni ta' sikurezza b'lingwa ***ddeterminata mill-Istat Membru kkonċernat,*** li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u mill-utenti aħħarija ***f'formati aċċessibbli multipli***. |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li prodott li huma jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi ma' din id-Direttiva, għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex il-prodott isir konformi, jirtirawh jew isejħuh lura, ***jekk*** ikun xieraq. Barra minn hekk, ***fejn il-prodott jippreżenta riskju relatat mal-aċċessibbiltà***, il-manifatturi għandhom | 8. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li prodott li huma jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi ma' din id-Direttiva, għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex il-prodott isir konformi, jirtirawh jew isejħuh lura, ***skont kif*** ikun xieraq. Barra minn hekk, ***meta l-prodott ikun ikkaratterizzat minn nuqqas ta' aċċessibbiltà***, il-manifatturi għandhom |

| | |
|---|---|
| jinformaw minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamlu l-prodott disponibbli għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda. | jinformaw minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamlu l-prodott disponibbli għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda. |

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Qabel ma jqiegħdu prodott fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw li ***l-manifattur ikun wettaq il-proċedura*** ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilita fl-Anness II. Għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun fassal id-dokumentazzjoni teknika mitluba minn dak l-Anness, li l-prodott ikollu fuqu t-tikketta CE u li jkun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa u li l-manifattur ikun issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(5) u (6). | 2. Qabel ma jqiegħdu prodott fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw li ***l-proċedura*** ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilita fl-Anness II***, abbażi tar-rapport ta' aċċessibbiltà tal-manifattur, tkun twettqet mill-manifattur***. Għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun fassal id-dokumentazzjoni teknika mitluba minn dak l-Anness, li l-prodott ikollu fuqu t-tikketta CE u li jkun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa u li l-manifattur ikun issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(5) u (6). |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-fornituri tas-servizzi għandhom jippreparaw l-informazzjoni meħtieġa skont l-Anness III fejn jispjegaw kif is-servizzi jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fl-Artikolu 3. L-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku ***f'format bil-miktub u bil-fomm, inkluż b'mod li jkun*** aċċessibbli ***għall-persuni b'limitazzjonijiet funzjonali u l-persuni b'diżabilità***. Il-fornituri tas-servizzi għandhom iżommu l-informazzjoni sakemm ikun qed jitħaddem | 2. Il-fornituri tas-servizzi għandhom jippreparaw l-informazzjoni meħtieġa skont l-Anness III fejn jispjegaw kif is-servizzi ***tagħhom*** jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fl-Artikolu 3. L-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku ***f'formati*** aċċessibbli ***multipli***. Il-fornituri tas-servizzi għandhom iżommu l-informazzjoni sakemm ikun qed jitħaddem is-servizz ***inkwistjoni***. |

is-servizz.

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-fornituri tas-servizzi għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ proċeduri li jiggarantixxu li l-provvista kontinwa ta' servizzi tibqa' konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fl-Artikolu 3. It-tibdil fil-karatteristiċi tal-forniment tas-servizz u t-tibdil fir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija ***fl- Artikolu*** 3, għandhom jitqiesu b'mod xieraq mill-fornituri tas-servizzi. ***F'każ*** ta' nuqqas ta' konformità, il-fornituri tas-servizzi għandhom jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex iġibu s-servizz konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fl-Artikolu 3. | 3. Il-fornituri tas-servizzi għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ proċeduri li jiggarantixxu li l-provvista kontinwa ta' servizzi tibqa' konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fl-Artikolu 3 ***u għandhom jiżguraw li, fi ħdan il-portafoll li jipprovdu, il-gruppi kollha ta' persuni b'diżabilità jkollhom aċċess, kemm jista' jkun possibbli, għas-servizzi disponibbli li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom f'termini ta' aċċessibbiltà***. It-tibdil fil-karatteristiċi tal-forniment tas-servizz u t-tibdil fir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija ***fl-Artikolu*** 3, għandhom jitqiesu b'mod xieraq mill-fornituri tas-servizzi. ***F'każijiet*** ta' nuqqas ta' konformità, il-fornituri tas-servizzi għandhom jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex iġibu s-servizz konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fl-Artikolu 3. |

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fl-Artikolu 3 japplikaw sa fejn dawn ma jwasslux għal bidla sinifikanti f'aspett jew f'karatteristika ta' prodott jew servizz li ***jirriżulta*** fi trasformazzjoni tan-natura bażika tal-prodott jew tas-servizz. | 1. Ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fl-Artikolu 3 ***għandhom*** japplikaw sa fejn dawn ma jwasslux għal bidla sinifikanti f'aspett jew f'karatteristika ta' prodott jew servizz li ***tirriżulta*** fi trasformazzjoni tan-natura bażika tal-prodott jew tas-servizz ***ikkonċernat. Il-manifattur jista' jagħżel li jissodisfa r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà permezz tal-inkorporazzjoni ta' komponenti*** |

***kompatibbli ta' parti terza, meta tali inkorporazzjoni ssir parti integrali tal-prodott u ma tirriżultax fi spiża addizzjonali għall-utenti.***

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (-b) l-istima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji għall-operaturi ekonomiċi b'rabta mal-benefiċċju stmat għall-persuni b'diżabilità, filwaqt li jitqiesu l-frekwenza u t-tul ta' żmien tal-użu tal-prodott jew tas-servizz speċifiku. | (-b) l-istima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji ***addizzjonali*** għall-operaturi ekonomiċi b'rabta mal-benefiċċju stmat għall-persuni ***b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni*** b'diżabilità, filwaqt li jitqiesu l-frekwenza u t-tul ta' żmien tal-użu tal-prodott jew tas-servizz speċifiku. |

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-piż ma għandux jitqies sproporzjonat meta jiġi kkumpensat b'finanzjament minn sorsi oħra minbarra r-riżorsi proprji tal-operatur ekonomiku, kemm pubbliċi kif ukoll privati. | 4. Il-piż ma għandux jitqies sproporzjonat meta jiġi kkumpensat b'finanzjament minn sorsi oħra minbarra r-riżorsi proprji tal-operatur ekonomiku, kemm pubbliċi kif ukoll privati. ***In-nuqqas ta' prijorità, ta' skeda jew ta' għarfien ma għandux jitqies bħala skuża leġittima sabiex jiġi allegat il-piż sproporzjonat.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-valutazzjoni dwar jekk il-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà | 5. Il-valutazzjoni dwar jekk il-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà |

| | |
|---|---|
| fir-rigward ta' prodotti jew servizzi timponix trasformazzjoni sostanzjali jew piż sproporzjonat, għandha titwettaq mill-operatur ekonomiku. | fir-rigward ta' prodotti jew servizzi timponix trasformazzjoni sostanzjali jew piż sproporzjonat, għandha titwettaq mill-operatur ekonomiku ***f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-utenti u mal-esperti dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-awtorità nazzjonali għas-sorveljanza tas-suq***. |

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Meta l-operaturi ekonomiċi jkunu użaw l-eċċezzjoni stipulata fil-paragrafi 1 sa 5 għal prodott jew servizz speċifiku, dawn għandhom jinnotifikaw lill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq rilevanti tal-Istat Membru li fis-suq tiegħu il-prodott jew is-servizz ikun tqiegħed jew sar disponibbli. In-notifika għandha tinkludi l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3. Il-mikrointrapriżi huma eżentati minn dan ir-rekwiżit ta' notifika iżda jridu jkunu jistgħu jipprovdu d-dokumentazzjoni rilevanti jekk din tintalab minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq rilevanti. | 6. Meta l-operaturi ekonomiċi jkunu użaw l-eċċezzjoni stipulata fil-paragrafi 1 sa 5 għal prodott jew servizz speċifiku, dawn għandhom jinnotifikaw lill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq rilevanti tal-Istat Membru li fis-suq tiegħu il-prodott jew is-servizz ikun tqiegħed jew sar disponibbli. In-notifika għandha tinkludi l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3. ***Sabiex tingħata eżenzjoni skont tali eċċezzjoni, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq għandha tivverifika l-valutazzjonijiet kollha, ħlief jekk l-operatur ekonomiku jkun ipprovda valutazzjoni maħruġa minn organizzazzjoni terza indipendenti li tkun awtorizzata mill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq.*** Il-mikrointrapriżi huma eżentati minn dan ir-rekwiżit ta' notifika iżda jridu jkunu jistgħu jipprovdu d-dokumentazzjoni rilevanti jekk din tintalab minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq rilevanti. |

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Għandu jiġi stabbilit djalogu strutturat bejn il-partijiet ikkonċernati*** |

***rilevanti, inklużi l-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, sabiex jiġi żgurat l-istabbiliment ta' prinċipji adegwati u koerenti għall-valutazzjoni tal-eżenzjonijiet.***

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 6b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. L-Istati Membri mħeġġa jipprovdu inċentivi u linji gwida għall-mikrointrapriżi biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-proċeduri u l-linji gwida għandhom ikunu żviluppati f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed ikunu ħadu azzjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, jew meta jkollhom raġuni biżżejjed biex jemmnu li prodott kopert minn din id-Direttiva ***jippreżenta riskju marbut ma' aspetti*** ta' aċċessibbiltà ***koperti*** minn din id-Direttiva, dawn għandhom iwettqu evalwazzjoni b'rabta mal-prodott ikkonċernat li ***jkopri*** r-rekwiżiti kollha stabbiliti f'din id-Direttiva. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-awtoritajiet għas-sorveljanza tas-suq. | Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed ikunu ħadu azzjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, jew meta jkollhom raġuni biżżejjed biex jemmnu li prodott kopert minn din id-Direttiva ***huwa kkaretterizzat definittivament u b'mod ċar f'kull rispett minn nuqqas*** ta' aċċessibbiltà ***kif previst*** minn din id-Direttiva, dawn għandhom iwettqu evalwazzjoni b'rabta mal-prodott ikkonċernat li ***tkopri*** r-rekwiżiti kollha stabbiliti f'din id-Direttiva. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-awtoritajiet għas-sorveljanza tas-suq. |

**Emenda 61**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) Meta applikabbli, għal-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-Unjoni jew għad-dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li jirreferu għall-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità.*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-istima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati b'rabta mal-benefiċċju stmat għall-persuni b'diżabilità, filwaqt li jitqiesu l-frekwenza u t-tul ta' żmien tal-użu tal-prodott jew tas-servizz speċifiku; | (b) l-istima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji ***addizzjonali*** għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati b'rabta mal-benefiċċju stmat għall-persuni ***b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni*** b'diżabilità, filwaqt li jitqiesu l-frekwenza u t-tul ta' żmien tal-użu tal-prodott jew tas-servizz speċifiku; |

**Emenda 63**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-valutazzjoni dwar jekk il-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fl-Artikolu 21 tkunx timponi piż sproporzjonat, għandha titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. | 3. Il-valutazzjoni dwar jekk il-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà msemmija fl-Artikolu 21 tkunx timponi piż sproporzjonat, għandha titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. ***In-nuqqas ta' prijorità, ta' ħin jew ta' għarfien ma għandux jitqies bħala raġuni leġittima sabiex jiġi allegat piż sproporzjonat.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta awtorità kompetenti tuża l-eċċezzjoni stipulata fil-paragrafi 1, 2 u 3 għal prodott jew servizz speċifiku, din għandha tinnotifika b'dan lill-Kummissjoni. In-notifika għandha tinkludi l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2. | 4. Meta awtorità kompetenti tuża l-eċċezzjoni stipulata fil-paragrafi 1, 2 u 3 għal prodott jew servizz speċifiku, din għandha tinnotifika b'dan lill-Kummissjoni. In-notifika għandha tinkludi l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ***u din għandha tkun disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli***. |

**Emenda 65**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jekk il-Kummissjoni jkollha raġunijiet biex tiddubita d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti kkonċernata, il-Kummissjoni tista' titlob lill-grupp ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 25(2a) joħroġ opinjoni dwar il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-konsumatur jista' jieħu azzjoni skont il-liġi nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti sabiex ***jiżguraw*** li d-dispożizzjonijiet nazzjonali li ***jttrasponu*** din id-Direttiva jiġu mħarsa; | (a) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-konsumatur jista' jieħu azzjoni ***fi ħdan il-qafas ta' mekkaniżmu tal-ilmenti aċċessibbli u komprensiv,*** skont il-liġi nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti sabiex ***jiġi żgurat*** li d-dispożizzjonijiet nazzjonali li ***jittrasponu*** |

| | |
|---|---|
| | din id-Direttiva jiġu mħarsa; |

**Emenda 67**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 25 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva u sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki fost l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' ħidma magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom. Meta l-Kummissjoni tqis li jkun neċessarju, il-grupp ta' ħidma għandu jagħti opinjoni dwar l-eċċezzjonijiet ġustifikati minn dawk ir-rekwiżiti.*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 2 – Taqsima I – kolonna 1 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| is-sistemi operattivi u l-ħardwer tal-kompjuter bi skop ġenerali; | is-sistemi operattivi u l-ħardwer tal-kompjuter bi skop ġenerali ***u l-apparati domestiċi mħaddma minn interfaċċja tal-utent b'teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***; |

**Emenda 69**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 2 – Taqsima I – kolonna 2 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità ***u dawk b'diżabilitajiet marbuta mal-età***, għandhom ***jitwettqu billi jkun disponibbli dan*** li ***ġej***: | 1. Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandhom ***jinkisbu permezz ta' konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà*** li ***ġejjin***: |
| (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li: | (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li ***għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli u li***: |
| ***(i)*** ***trid*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; | (i) ***għandha*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; |
| (ii) ***trid*** tkun tinftiehem; | (ii) ***għandha*** tkun tinftiehem; |
| (iii) ***trid*** tkun perċettibbli; | (iii) ***għandha*** tkun perċettibbli; |
| (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat għall-kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli; | (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat ***b'kuntrast suffiċjenti bejn il-karattri u l-isfond tagħhom sabiex tiġi mmassimizzata l-leġġibilità tagħha*** għall-kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli; |
| (b) l-imballaġġ tal-prodott, inkluża l-informazzjoni pprovduta fih (ftuħ, għeluq, użu, rimi) li: | (b) l-imballaġġ tal-prodott, inkluża l-informazzjoni pprovduta fih (ftuħ, għeluq, użu, rimi) ***u indikazzjoni tal-marka, l-isem u t-tip tal-prodott*** li: |
| | ***(i) għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-punt (a);*** |
| | ***(ii) għandu b'mod sempliċi u preċiż jinforma lill-utenti li l-prodott jinkorpora karatteristiċi ta' aċċessibbiltà u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza;*** |
| (c) l-istruzzjonijiet dwar l-użu, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott li għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej: | (c) l-istruzzjonijiet dwar l-użu, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott***, kemm jekk ipprovduti b'mod separat jew integrati fil-prodott,*** li għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej: |
| (i) ***il-kontenut tal-istruzzjonijiet għandu jkun disponibbli f'formati tat-test li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati ta' assistenza alternattivi*** li ***jridu jiġu*** | (i) ***għandhom ikunu disponibbli f'format aċċessibbli fuq l-internet u f'format ta' dokument elettroniku mhux aċċessibbli fuq l-internet*** li ***jkun*** |

| | |
|---|---|
| *ppreżentati b'modi differenti* u *permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed,* u | *jinftiehem, perċettibbli* u *operabbli;* u |
| (ii) ***l-istruzzjonijiet għandhom jipprovdu alternattivi għall-kontenut mhux testwali***; | (ii) ***il-manifattur għandu jelenka u jispjega kif tuża l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tal-prodott u l-kompatibbiltà tiegħu mat-teknoloġiji ta' assistenza***; |
| | (iii) ***għandhom ikunu pprovduti fuq formati alternattivi mhux elettroniċi fuq talba. Il-formati alternattivi mhux elettroniċi jistgħu jinkludu tipa kbira, Braille jew test faċli biex jinqara.*** |
| | ***(d) l-istruzzjonijiet dwar l-użu, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott, kemm jekk ipprovduti b'mod separat jew integrati fil-prodott, li għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej:*** |
| ***(d)*** l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; | ***(e)*** l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; |
| ***(e)*** il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; | ***(f)*** il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; |
| ***(f) l-interfaċċjar tal-prodott*** ma' tagħmir ta' assistenza. | ***(g) meta rilevanti, il-kompatibbiltà*** ma' ***teknoloġiji u*** tagħmir ta' assistenza ***disponibbli fil-livell tal-Unjoni u fil-livell internazzjonali, inklużi t-teknoloġiji għas-smigħ, bħalma huma l-apparat li jgħin is-smigħ, it-telecoils, l-impjanti kokleari, u t-tagħmir ta' assistenza tas-smigħ***. |

**Emenda 70**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 2 – Taqsima I – kolonna 2 – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Servizzi ta' appoġġ: Meta jkunu disponibbli, is-servizzi ta' appoġġ (help desks, ċentri fejn iċċempel, appoġġ tekniku, servizzi ta' trażmissjoni u servizzi ta' taħriġ) għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***prodotti u l-kompatibbiltà tagħhom mat-teknoloġiji ta' assistenza, b'modi ta' komunikazzjoni aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 2 – Taqsima I – kolonna 2 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-interfaċċja tal-utent u ***d-disinn tal-funzjonalità:*** | 2. L-interfaċċja tal-utent u ***r-rekwiżiti tal-prestazzjoni funzjonali*** |
| Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent tagħhom ikunu aċċessibbli kif imsemmi fil-punti (***d***) u (***e***) tal-punt 1, ***iridu jkunu*** ddisinjati, fejn applikabbli, kif ġej: | Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent tagħhom ikunu aċċessibbli kif imsemmi fil-punti (***e***) u (***f***) tal-punt 1, ***għandhom ikunu*** ddisinjati, fejn applikabbli, kif ġej: |
| (a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l-orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed***;*** | (a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l-orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed ***inkluż:*** |
| | ***(i) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi l-vista,*** |
| | ***(ii) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet tas-smigħ ta' informazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi s-smigħ;*** |
| (b) ***jipprovdu alternattivi għall-kliem għall-fini*** ta' ***komunikazzjoni u orjentament.*** | (b) ***meta l-prodott jirrikjedi input vokali mill-utenti, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda*** ta' ***tħaddim li ma tirrikjedix li l-utenti jiġġeneraw output vokali;*** |
| (c) ***jipprovdu*** tkabbir u kuntrast flessibbli; | (c) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti b'vista limitata jagħmlu użu aħjar minn dik il-vista, anke billi jipprovdi*** tkabbir ***flessibbli mingħajr telf ta' kontenut jew funzjonalità,*** |

| | |
|---|---|
| | ***luminanza*** u kuntrast flessibbli***, u meta jkun possibbli, jinkludi modi flessibbli għas-seperazzjoni u l-kontroll tal-elementi viżivi fuq quddiem minn dawk fl-isfond u kontroll flessibbli fuq il-kamp viżiv meħtieġ***; |
| (d) ***jipprovdu lewn alternattiv biex jittrażmettu l-informazzjoni***; | (d) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' tħaddim il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li ma tkunx tirrikjedi perċezzjoni tal-kulur mill-utent***; |
| (e) ***jipprovdu modi*** flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw ***l-informazzjoni*** fuq quddiem minn ***dik*** fl-isfond***, anki bl-iskop li jnaqqsu l-istorbju fl-isfond u jtejbu ċ-ċarezza***; | (e) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet ta' tħaddim awditorji, il-kontroll mill-utent tal-volum jew ta' karatteristiċi awdjo mtejba biex tittejjeb iċ-ċarezza tal-awdjo, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità ta' tħaddim waħda b'karatteristiċi ta' volum, ta' ċarezza u ta' awdjo mtejba inklużi u b'modi*** flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw ***l-awdjo*** fuq quddiem minn ***dak*** fl-isfond ***meta l-vuċi u l-awdjo tal-isfond ikunu disponibbli bħala flussi tal-awdjo separati***; |
| ***(f) jipprovdu lill-utent bil-kontroll tal-volum;*** | |
| ***(g) jipprovdu kontroll sekwenzjali kif ukoll*** alternattivi ***għall-kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar; | ***(f) meta l-prodott jirrikjedi azzjonijiet manwali, il-prodott għandu jipprovdi modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti jagħmlu użu mill-prodott permezz ta' modalitajiet*** alternattivi ***ta' tħaddim li la jirrikjedu kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar***, manipulazzjoni jew saħħa bl-idejn, u lanqas tħaddim ta' aktar minn kontroll wieħed fl-istess ħin***; |
| ***(h) jipprovdu modalitajiet*** ta' tħaddim ***f'każ*** li ***l-utent ikollu saħħa u firxa*** ta' moviment limitati; | ***(g) meta l-prodott ikun free-standing jew installat, l-elementi informattivi u*** ta' tħaddim ***tiegħu għandhom ikunu aċċessibbli għall-utenti kollha jew għandu jkun possibbli għall-utenti kollha*** li ***jqegħduh f'post aċċessibbli, inklużi l-utenti b'firxa*** ta' moviment ***u b'saħħa*** limitati; |
| ***(i) jipprovdu l-possibbiltà*** li ***jiġi evitat l-istimolu ta'*** reazzjonijiet fotosensittivi. | ***(h) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' informazzjoni, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas*** |

***modalità waħda ta' informazzjoni*** li ***timminimizza l-potenzjal li jiġu skattati*** reazzjonijiet fotosensittivi***;***

***(i) il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li tagħmilha aktar sempliċi u aktar faċli biex jintuża mill-utenti kollha, inklużi l-utenti b'konjizzjoni limitata;***

***(j) meta l-prodott jipprovdi karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà, għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li tħares il-privatezza tal-utenti meta jużaw il-karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà.***

**Emenda 72**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 3 – Taqsima II – kolonna 1 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Terminals self-service: Magni awtomatiċi għall-ġbid tal-flus, magni tal-biljetti u ***magni taċ-check-in*** | Terminals self-service: Magni awtomatiċi għall-ġbid tal-flus, magni tal-biljetti***,*** ***magni taċ-check-in*** u ***terminals tal-pagamenti*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 3 – Taqsima II – kolonna 2 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità ***u dawk b'diżabilitajiet marbuta mal-età***, għandhom jitwettqu ***billi jkun disponibbli dan*** li ***ġej***: | 1. Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandhom jitwettqu ***b'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà*** li ***ġejjin***: |
| (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li: | (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li |

| | |
|---|---|
| | ***għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli u li***: |
| (i) ***trid*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; | (i) ***għandha*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; |
| (ii) ***trid*** tkun tinftiehem; | (ii) ***għandha*** tkun tinftiehem; |
| (iii) ***trid*** tkun perċettibbli; | (iii) ***għandha*** tkun perċettibbli; |
| (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat ***għall-kundizzjonijiet*** ta' użu prevedibbli; | (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat ***b'kuntrast suffiċjenti bejn il-karattri u l-isfond tagħhom sabiex tiġi mmassimizzata l-leġġibilità tagħha f'kundizzjonijiet*** ta' użu prevedibbli; |
| (b) l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; | (b) l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; |
| (c) il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; | (c) il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; |
| (d) ***l-interfaċċjar tal-prodott*** ma' tagħmir ta' assistenza. | (d) ***meta rilevanti, kompatibbiltà*** ma' tagħmir ***u teknoloġiji assistivi disponibbli fil-livell tal-Unjoni, inklużi t-teknoloġiji għas-smigħ, bħalma huma l-apparat li jgħin is-smigħ, it-telecoils, l-impjanti kokleari, u t-tagħmir*** ta' assistenza ***tas-smigħ***. |

**Emenda 74**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 3 – Taqsima II – kolonna 2 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-interfaċċja*** tal-utent u ***d-disinn tal-funzjonalità:*** | 2. ***L-interfaċċja*** tal-utent u ***r-rekwiżiti tal-prestazzjoni funzjonali*** |
| Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent kif imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-punt 1 ***ikunu aċċessibbli***, ***iridu jkunu*** ddisinjati, ***fejn*** applikabbli, kif ġej: | Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent ***tagħhom ikunu aċċessibbli*** kif imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-punt 1, ***għandhom ikunu*** ddisinjati, ***meta*** applikabbli, kif ġej: |
| (a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l- | (a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l- |

| | |
|---|---|
| orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed***;*** | orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed ***inkluż:*** |
| | ***(i) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi l-vista;*** |
| | ***(ii) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet tas-smigħ ta' informazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi s-smigħ;*** |
| (b) ***jipprovdu alternattivi għall-kliem għall-fini*** ta' ***komunikazzjoni u orjentament.*** | (b) ***meta l-prodott jirrikjedi input vokali mill-utenti, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda*** ta' ***tħaddim li ma tirrikjedix li l-utenti jiġġeneraw output vokali;*** |
| (c) ***jipprovdu*** tkabbir u kuntrast flessibbli; | (c) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti b'vista limitata jagħmlu użu aħjar minn dik il-vista, anke billi jipprovdi*** tkabbir ***flessibbli mingħajr telf ta' kontenut jew funzjonalità, luminanza*** u kuntrast flessibbli***, u meta jkun possibbli, jinkludi modi flessibbli għas-seperazzjoni u l-kontroll tal-elementi viżivi fuq quddiem minn dawk fl-isfond u kontroll flessibbli fuq il-kamp viżiv meħtieġ***; |
| (d) ***jipprovdu lewn alternattiv biex jittrażmettu l-informazzjoni***; | (d) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' tħaddim il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li ma tkunx tirrikjedi perċezzjoni tal-kulur mill-utent***; |
| (e) ***jipprovdu modi*** flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw ***l-informazzjoni*** fuq quddiem minn ***dik*** fl-isfond***, anki bl-iskop li jnaqqsu l-istorbju fl-isfond u jtejbu ċ-ċarezza***; | (e) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet ta' tħaddim awditorji, il-kontroll mill-utent tal-volum jew ta' karatteristiċi awdjo mtejba biex tittejjeb iċ-ċarezza tal-awdjo, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità ta' tħaddim waħda b'karatteristiċi ta' volum, ta' ċarezza u ta' awdjo mtejba inklużi u b'modi*** flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw ***l-awdjo*** fuq quddiem minn |

***dak*** fl-isfond ***meta l-vuċi u l-awdjo tal-isfond ikunu disponibbli bħala flussi tal-awdjo separati***;

***(f) jipprovdu lill-utent bil-kontroll tal-volum;***

***(g) jipprovdu kontroll sekwenzjali kif ukoll*** alternattivi ***għall-kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar;

***(f) meta l-prodott jirrikjedi azzjonijiet manwali, il-prodott għandu jipprovdi modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti jagħmlu użu mill-prodott permezz ta' modalitajiet*** alternattivi ***ta' tħaddim li la jirrikjedu kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar***, manipulazzjoni jew saħħa bl-idejn, u lanqas tħaddim ta' aktar minn kontroll wieħed fl-istess ħin***;

***(h) jipprovdu modalitajiet*** ta' tħaddim ***f'każ*** li ***l-utent ikollu saħħa u firxa*** ta' moviment limitati;

***(g) meta l-prodott ikun free-standing jew installat, l-elementi informattivi u*** ta' tħaddim ***tiegħu għandhom ikunu aċċessibbli għall-utenti kollha jew għandu jkun possibbli għall-utenti kollha*** li ***jqegħduh f'post aċċessibbli, inklużi l-utenti b'firxa*** ta' moviment ***u b'saħħa*** limitati;

***(i) jipprovdu l-possibbiltà*** li ***jiġi evitat l-istimolu ta'*** reazzjonijiet fotosensittivi***.***

***(h) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' informazzjoni, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni*** li ***timminimizza l-potenzjal li jiġu skattati*** reazzjonijiet fotosensittivi***;***

***(i) il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li tagħmilha aktar sempliċi u aktar faċli biex jintuża mill-utenti kollha, inklużi l-utenti b'konjizzjoni limitata;***

***(j) meta l-prodott jipprovdi karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà, għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li tħares il-privatezza tal-utenti meta jużaw il-karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà;***

***(k) ma għandux jirrikjedi l-attivazzjoni ta' karatteristika ta' aċċessibbiltà sabiex utent li jkollu bżonn din il-karatteristika jkun jista' jattivaha;***

***(l) meta tkun meħtieġa tweġiba f'waqtha, l-utent għandu jingħata twissija***

| | |
|---|---|
| | ***b'mod viżiv, kif ukoll bil-mess jew b'ħoss, u għandu jingħata l-possibbiltà li jestendi l-ħin permess;*** |
| | ***(m) il-prodott għandu jkun operabbli, inklużi l-partijiet operabbli tal-prodott, bħall-buttuni u l-kontrolli, għandu jkollu kuntrast adegwat bejn il-buttuni u l-kontrolli u l-isfond tagħhom, u għandu jkun identifikat mal-mess;*** |
| | ***(n) meta jiġu pprovduti buttuni, biljetti, jew kards, dawn għandu jkollhom orjentazzjoni li tiġi identifikata mal-mess jekk l-orjentazzjoni tkun importanti għal użu ulterjuri tal-buttuna, tal-biljett jew tal-kard;*** |
| | ***o) meta l-prodott juża l-karatteristiċi bijoloġiċi tal-utent, dan ma għandux jibbaża fuq l-użu ta' karatteristika bijoloġika partikolari bħala l-uniku mezz ta' identifikazzjoni tal-utent jew għall-kontroll tal-prodott.*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 3 – Taqsima II – kolonna 2 – punt 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Servizzi ta' appoġġ:*** |
| | ***Meta jkunu disponibbli, is-servizzi ta' appoġġ (help desks, ċentri fejn iċċempel, appoġġ tekniku, servizzi ta' trażmissjoni u servizzi ta' taħriġ) għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-prodotti u l-kompatibbiltà tagħhom mat-teknoloġiji ta' assistenza, b'modi ta' komunikazzjoni aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 4 – Taqsima III – kolonna 2 – punt A – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1.*** L-għoti ta' servizzi***, sabiex*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq ***billi***: | 1. L-għoti ta' servizzi ***b'tali mod li*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq ***permezz ta' dan li ġej***: |
| (a) ***tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-prodotti*** li jużaw fl-għoti tas-servizzi***,*** skont ir-regoli stabbiliti fil-punt B dwar "Tagħmir tat-terminals relatat b'kapaċitajiet avvanzati tal-informatika użat mill-konsumaturi" | (a) ***il-prodotti*** li jużaw fl-għoti tas-servizzi ***għandhom ikunu*** skont ir-regoli stabbiliti fil-punt B dwar "Tagħmir tat-terminals relatat b'kapaċitajiet avvanzati tal-informatika użat mill-konsumaturi"***;*** |
| (b) ***tingħata informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati kif ġej: | (b) ***l-informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati ***għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli*** kif ġej: |
| (i) ***il-kontenut tal-informazzjoni għandu jkun*** disponibbli ***f'formati testwali li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati ta' assistenza alternattivi li jridu jiġu ppreżentati b'modi differenti mill-utenti*** u ***permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed,*** | (i) ***l-informazzjoni għandha tkun*** disponibbli ***f'format aċċessibbli fuq l-internet u f'format ta' dokument elettroniku mhux aċċessibbli fuq l-internet li jkun jinftiehem, perċettibbli*** u ***operabbli;*** |
| (ii) ***għandhom jiġu pprovduti alternattivi għall-kontenut mhux testwali;*** | (ii) ***l-operatur ekonomiku għandu jelenka u jispjega kif tuża l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tas-servizz u l-kompatibbiltà tiegħu mat-teknoloġiji ta' assistenza;*** |
| (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet onlajn relatati meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandha tiġi pprovduta*** skont il-punt (c)***.*** | (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet ***u s-siti web*** onlajn ***u mobbli*** relatati***,*** meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandhom jiġu pprovduti*** skont il-punt (c)***;*** |
| | (iv) ***għandhom ikunu pprovduti fuq formati alternattivi mhux elettroniċi fuq talba. Il-formati alternattivi mhux elettroniċi jistgħu jinkludu tipa kbira, Braille jew test faċli biex jinqara.*** |
| (c) is-siti web isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn | (c) is-siti web***, is-servizzi abbażi ta' apparat mobbli, inklużi l-applikazzjonijiet mobbli meħtieġa għall-għoti tas-servizz*** isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u |

| | |
|---|---|
| meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; | għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; |
| (d) tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli biex jiġu ffaċilitati l-komplementaritajiet mas-servizzi ta' assistenza; | (d) tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli biex jiġu ffaċilitati l-komplementaritajiet mas-servizzi ta' assistenza; |
| (e) ***jiġu inklużi*** funzjonijiet, prattiki, politiki u proċeduri u tibdil fl-operazzjoni tas-servizz immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali**.** | (e) funzjonijiet, prattiki, politiki u proċeduri u tibdil fl-operazzjoni tas-servizz immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali**, *inklużi l-persuni b'diżabilità:*** <br><br> ***(i) meta servizz jipprovdi komunikazzjoni bil-vuċi f'żewġ direzzjonijiet, huwa għandu jappoġġja wkoll test f'ħin reali b'mod parallel u fl-istess sejħa;*** <br><br> ***(ii) meta servizz jappoġġja komunikazzjoni f'żewġ direzzjonijiet u dak is-servizz jiġi speċifikat għall-użu ma' servizz ta' trażmissjoni, għandu jiġi pprovdut appoġġ għal vuċi, test u/jew vidjo f'ħin reali, waħdu jew fi kwalunkwe kombinament, kemm f'sejħiet deħlin kif ukoll f'dawk ħerġin;*** <br><br> ***(iii) meta servizz jappoġġja komunikazzjoni f'żewġ direzzjonijiet u huwa speċifikat għall-użu ma' servizzi ta' emerġenza, għandu jiġi pprovdut appoġġ għal vuċi, test u/jew vidjo f'ħin reali, waħdu jew fi kwalunkwe kombinament, kemm f'sejħiet deħlin kif ukoll f'dawk ħerġin;*** |

**Emenda 77**

Proposta għal direttiva
**Anness I – ringiela 4 – Taqsima III – kolonna 2 – punt A – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Servizzi ta' appoġġ*** |
| | ***Meta disponibbli, is-servizzi ta' appoġġ (help desks, ċentri fejn iċċempel, appoġġ tekniku, servizzi ta' trażmissjoni u servizzi ta' taħriġ) għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tas-servizz u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza, b'mezzi aċċessibbli ta' komunikazzjoni għall-utenti b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi persuni b'diżabilità.*** |

**Emenda 78**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 4 – Taqsima III – kolonna 2 – punt B – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità u dawk b'diżabilitajiet marbuta mal-età, għandhom jitwettqu ***billi jkun disponibbli dan*** li ***ġej***: | 1. Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità u dawk b'diżabilitajiet marbuta mal-età, għandhom jitwettqu ***bil-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà*** li ***ġejjin***: |
| (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li: | (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li ***għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli u li***: |
| (i) ***trid*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; | (i) ***għandha*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; |
| (ii) ***trid*** tkun tinftiehem; | (ii) ***għandha*** tkun tinftiehem; |
| (iii) ***trid*** tkun perċettibbli; | (iii) ***għandha*** tkun perċettibbli; |
| (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat għall-kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli; | (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat ***b'kuntrast suffiċjenti bejn il-karattri u l-isfond tagħhom sabiex tiġi mmassimizzata l-leġġibilità tagħha*** għall-kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli; |
| (b) l-imballaġġ tal-prodott, inkluża l- | (b) l-imballaġġ tal-prodott, inkluża l- |

| | |
|---|---|
| informazzjoni pprovduta fih (ftuħ, għeluq, użu, rimi)***;*** | informazzjoni pprovduta fih (ftuħ, għeluq, użu, rimi) ***u indikazzjoni tal-marka, l-isem u t-tip tal-prodott li:*** |
| | ***(i) għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-punt a;*** |
| | ***(ii) għandu b'mod sempliċi u preċiż jinforma lill-utenti kif il-prodott jinkorpora karatteristiċi ta' aċċessibbiltà u l-kompatibbiltà tiegħu mat-teknoloġija ta' assistenza;*** |
| (c) l-istruzzjonijiet ***dwar l-użu***, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott li għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej: | (c) l-istruzzjonijiet ***għall-użu***, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott***, kemm jekk ipprovduti b'mod separat jew integrati fil-prodott,*** li għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej: |
| (i) ***il-kontenut tal-istruzzjonijiet għandu*** jkun disponibbli ***f'formati testwali li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati ta' assistenza alternattivi li jridu jiġu ppreżentati b'modi differenti u permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed,*** u | (i) ***għandu*** jkun disponibbli ***f'format aċċessibbli fuq l-internet u f'format ta' dokument elettroniku mhux aċċessibbli fuq l-internet li jkun kemm perċettibbli kif ukoll operabbli;*** u |
| (ii) ***l-istruzzjonijiet għandhom jipprovdu alternattivi għall-kontenut mhux testwali***; | (ii) ***il-manifattur għandu jelenka u jispjega kif jintużaw il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tal-prodott u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza***; |
| | **(iii)** ***għandhom ikunu pprovduti f'formati alternattivi mhux elettroniċi fuq talba. Il-formati alternattivi mhux elettroniċi jistgħu jinkludu tipa kbira, Braille jew test faċli biex jinqara;*** |
| | ***(c) l-istruzzjonijiet għall-użu, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott, kemm jekk ipprovduti b'mod separat jew integrati fil-prodott, li għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej:*** |
| (d) l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; | (d) l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; |
| (e) il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; | (e) il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; |
| (f) ***l-interfaċċjar tal-prodott*** ma' | (f) ***meta rilevanti, kompatibbiltà*** ma' |

| | |
|---|---|
| tagħmir ta' assistenza. | tagħmir ***u teknoloġiji*** ta' assistenza ***disponibbli fil-livell tal-Unjoni, inklużi t-teknoloġiji għas-smigħ, bħalma huma l-apparat li jgħin is-smigħ, it-telecoils, l-impjanti kokleari, u tagħmir ta' assistenza tas-smigħ.*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 4 – Taqsima III – kolonna 2 – punt B – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-interfaċċja tal-utent u ***d-disinn tal-funzjonalità:*** | 2. L-interfaċċja tal-utent u ***r-rekwiżiti tal-prestazzjoni funzjonali*** |
| Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent tagħhom ikunu aċċessibbli kif imsemmi fil-punti (d) u (e) tal-punt 1, ***iridu jkunu*** ddisinjati, fejn applikabbli, kif ġej: | Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent tagħhom ikunu aċċessibbli kif imsemmi fil-punti (d) u (e) tal-punt 1,***għandhom ikunu*** ddisinjati, fejn applikabbli, kif ġej: |
| (a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l-orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed***;*** | (a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l-orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed ***inkluż:*** |
| | ***(i) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi l-vista;*** |
| | ***(ii) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet tas-smigħ ta' informazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi smigħ;*** |
| (b) ***jipprovdu alternattivi għall-kliem għall-fini ta' komunikazzjoni u orjentament***; | (b) ***meta l-prodott jirrikjedi input vokali mill-utenti, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li ma tirrikjedix li l-utenti jiġġeneraw output vokali;*** |
| (c) ***jipprovdu*** tkabbir u ***kuntrast*** flessibbli; | (c) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, jipprovdi tal-anqas modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti b'vista limitata jagħmlu użu aħjar minn dik il-vista, anke billi jipprovdi*** tkabbir |

***flessibbli mingħajr telf ta' kontenut jew funzjonalità, kuntrast*** u ***luminanza flessibbli, u meta possibbli, li jinkludi modi flessibbli għas-seperazzjoni u l-kontroll tal-elementi viżivi fuq quddiem minn dawk fl-isfond u kontroll*** flessibbli ***fuq il-kamp viżiv meħtieġ***;

(d) ***jipprovdu lewn alternattiv biex jittrażmettu l-informazzjoni***;

(d) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' tħaddim il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità waħda ta' tħaddim li ma tkunx tirrikjedi perċezzjoni tal-kulur mill-utent***;

(e) ***jipprovdu*** modi flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw l-informazzjoni fuq quddiem minn dik fl-isfond***, anki bl-iskop li jnaqqsu l-istorbju fl-isfond u jtejbu ċ-ċarezza***;

(e) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet ta' tħaddim awditorji, il-kontroll mill-utent tal-volum jew ta' karatteristiċi awdjo mtejba biex tittejjeb iċ-ċarezza tal-awdjo, il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità ta' tħaddim waħda b'karatteristiċi ta' awdjo, ta' ċarezza u ta' volum imtejba inklużi u*** modi flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw l-informazzjoni fuq quddiem minn dik fl-isfond ***meta l-vuċi u l-isfond huma disponibbli bħala flussi tal-awdjo separati***;

***(f) jipprovdu lill-utent bil-kontroll tal-volum;***

***(g) jipprovdu kontroll sekwenzjali kif ukoll*** alternattivi ***għall-kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar;

***(f) meta l-prodott jirrikjedi azzjonijiet manwali, il-prodott għandu jipprovdi modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti jagħmlu użu tal-prodott permezz ta' modalitajiet*** alternattivi ***ta' tħaddim li ma jirrikjedux kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar***, manipulazzjoni jew saħħa bl-idejn, u lanqas t-tħaddim ta' aktar minn kontroll wieħed fl-istess ħin***;

***(h) jipprovdu modalitajiet ta' tħaddim f'każ*** li ***l-utent ikollu saħħa u firxa*** ta' moviment limitati;

***(g) meta l-prodott huwa free-standing jew installat, l-elementi informattivi u ta' tħaddim tiegħu għandhom ikunu aċċessibbli għall-utenti kollha jew għandu jkun possibbli għall-utenti kollha*** li ***jqegħduh f'post aċċessibbli, inklużi l-utenti b'firxa*** ta' moviment ***u b'saħħa*** limitati;

***(i) jipprovdu l-possibbiltà*** li ***jiġi evitat l-istimolu ta'*** reazzjonijiet fotosensittivi.

***(h) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' informazzjoni, il-***

| | |
|---|---|
| | ***prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni*** li ***tnaqqas il-potenzjal li jiġu skattati*** reazzjonijiet fotosensittivi***;*** |
| | ***(i) il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li tagħmilha aktar sempliċi u aktar faċli biex jintuża mill-utenti kollha, inklużi l-utenti b'konjizzjoni limitata;*** |
| | ***(j) meta l-prodott jipprovdi karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà, għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li tħares il-privatezza tal-utenti meta jużaw il-karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà.*** |

**Emenda 80**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 4 – Taqsima III – kolonna 2 – punt B – punt 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Servizzi ta' appoġġ*** |
| | ***Meta disponibbli, is-servizzi ta' appoġġ (help desks, ċentri fejn iċċempel, appoġġ tekniku, servizzi ta' trażmissjoni u servizzi ta' taħriġ) għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-prodott u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza, b'modi aċċessibbli ta' komunikazzjoni għall-utenti b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi persuni b'diżabilità.*** |

**Emenda 81**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 5 – Taqsima IV – kolonna 2 – punt A – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-għoti ta' servizzi***, sabiex*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, | 1. L-għoti ta' servizzi ***b'tali mod li*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, |

| | |
|---|---|
| inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: | inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: |
| (a) ***tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-prodotti*** li jużaw fl-għoti tas-servizzi***,*** skont ir-regoli stabbiliti fil-punt B dwar "Tagħmir relatat b'kapaċitajiet avvanzati tal-informatika għall-konsumaturi" | (a) ***il-prodotti*** li jużaw fl-għoti tas-servizzi ***għandhom ikunu*** skont ir-regoli stabbiliti fil-punt B dwar "Tagħmir relatat b'kapaċitajiet avvanzati tal-informatika għall-konsumaturi"***;*** |
| (b) ***tingħata informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati kif ġej: | (b) ***l-informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati***, għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli*** kif ġej: |
| (i) ***il-kontenut tal-informazzjoni għandu jkun*** disponibbli ***f'formati testwali li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati*** ta' ***assistenza alternattivi li jridu jiġu ppreżentati b'modi differenti mill-utenti u permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed,*** | (i) ***l-informazzjoni għandha tkun*** disponibbli ***f'format aċċessibbli fuq l-internet u f'format*** ta' ***dokument elettroniku mhux aċċessibbli fuq l-internet billi ssir intelliġibbli, perċettibbli u operabbli;*** |
| (ii) ***għandhom jiġu pprovduti alternattivi għall-kontenut mhux testwali;*** | (ii) ***l-operatur ekonomiku għandu jelenka u jispjega kif jintużaw il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tas-servizz u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza;*** |
| (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet onlajn relatati meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandha tiġi pprovduta*** skont il-punt (c)***.*** | (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet ***u s-siti web*** onlajn ***u mobbli*** relatati***,*** meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandhom jiġu pprovduti*** skont il-punt (c)***;*** |
| (c) is-siti web isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; | (c) is-siti web***, is-servizzi abbażi ta' apparat mobbli, inklużi l-applikazzjonijiet mobbli meħtieġa għall-għoti tas-servizz*** isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; |
| (d) tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli biex jiġu ffaċilitati l-komplementaritajiet mas-servizzi ta' | (d) tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli biex jiġu ffaċilitati l-komplementaritajiet mas-servizzi ta' |

assistenza;

(e) ***jiġu inklużi funzjonijiet***, prattiki, politiki u proċeduri u tibdil fl-operazzjoni tas-servizz immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali.

assistenza;

(e) ***funzjonijiet***, prattiki, politiki u proċeduri u tibdil fl-operazzjoni tas-servizz immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali***, inklużi persuni b'diżabilità***.

**Emenda 82**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 5 – Taqsima IV – kolonna 2 – punt A – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. F'konsultazzjoni ma' organizzazzjonijiet tal-utenti, inklużi organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil persuni b'diżabilità, il-fornituri tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva għandhom jiżguraw, abbażi ta' skeda ta' żmien progressiva u raġonevoli, il-kwalità tas-servizzi ta' aċċess; meta servizz jappoġġja komunikazzjoni f'żewġ direzzjonijiet u dak is-servizz jiġi speċifikat għall-użu ma' servizz ta' trażmissjoni, għandu jiġi pprovdut appoġġ għal vuċi, test u/jew vidjo f'ħin reali, waħdu jew fi kwalunkwe kombinament, kemm f'sejħiet deħlin kif ukoll f'dawk ħerġin;*** |
| | ***(i) Il-fornituri tas-servizzi għandhom jiżguraw li s-sottotitoli għal persuni torox u neqsin mis-smigħ (SDH) ikunu sinkronizzati tajjeb mal-vidjo korrispondenti u li jkunu leġġibbli, eżatti u intelliġibbli sabiex jirriflettu b'mod effettiv l-informazzjoni awdjo. Dan jinkludi l-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet ta' kwalità li jkopru mill-inqas it-tip ta' font, id-daqs tal-font, il-kuntrast u l-kuluri li għandhom jintużaw kif ukoll, meta possibbli, ir-rekwiżiti meħtieġa biex jiġi żgurat il-kontroll tal-utenti fuq is-sottotitoli għall-SDH.*** |
| | ***(ii) Il-fornituri tas-servizzi għandhom jiżguraw li d-deskrizzjoni bl-awdjo u s-*** |

| | |
|---|---|
| | ***sottotitoli mitkellma jkunu sinkronizzati mal-vidjo. Dan jinkludi l-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet ta' kwalità relatati mal-inklużjoni tal-awdjo u ċ-ċarezza tad-deskrizzjoni bl-awdjo u s-sottotitoli mitkellma, kif ukoll ir-rekwiżiti meħtieġa biex jiġi żgurat il-kontroll tal-utenti fuqhom.*** |
| | ***(iii) Il-fornituri tas-servizzi għandhom jiżguraw li interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali tkun eżatta u intelliġibbli sabiex tirrifletti b'mod effettiv l-informazzjoni awdjo. Dan jinkludi l-istabbiliment ta' rekwiżiti professjonali għall-interpreti kkonċernati u speċifikazzjonijiet ta' kwalità tal-mod ta' kif il-lingwa tas-sinjali tiġi provduta. Meta ikun teknikament possibbli, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti biex jiġi żgurat il-kontroll tal-utenti fuq il-provvista tal-iffirmar.*** |

**Emenda 83**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 5 – Taqsima IV – kolonna 2 – punt A – punt 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Servizzi ta' appoġġ*** |
| | ***Meta disponibbli, is-servizzi ta' appoġġ (help desks, ċentri fejn iċċempel, appoġġ tekniku, servizzi ta' trażmissjoni u servizzi ta' taħriġ) għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tas-servizz u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza, b'modi aċċessibbli ta' komunikazzjoni għall-utenti, inklużi persuni b'diżabilità.*** |

**Emenda 84**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 5 – Taqsima IV – kolonna 2 – punt B – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità ***u dawk b'diżabilitajiet marbuta mal-età***, għandhom jitwettqu ***billi jkun disponibbli dan*** li ***ġej***: | 1. Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandhom jitwettqu ***b'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà*** li ***ġejjin***: |
| (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li: | (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li ***għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli u li***: |
| (i) ***trid*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; | (i) ***għandha*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; |
| (ii) ***trid*** tkun tinftiehem; | (ii) ***għandha*** tkun tinftiehem; |
| (iii) ***trid*** tkun perċettibbli; | (iii) ***għandha*** tkun perċettibbli; |
| (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat għall-kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli; | (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat ***b'kuntrast suffiċjenti bejn il-karattri u l-isfond tagħhom sabiex tiġi mmassimizzata l-leġġibilità tagħha*** għall-kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli; |
| (b) l-imballaġġ tal-prodott, inkluża l-informazzjoni pprovduta fih (ftuħ, għeluq, użu, rimi)***;*** | (b) l-imballaġġ tal-prodott, inkluża l-informazzjoni pprovduta fih (ftuħ, għeluq, użu, rimi) ***u indikazzjoni tal-marka, l-isem u t-tip tal-prodott li:*** |
| | ***(i) għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-punt a;*** |
| | ***(ii) għandu b'mod sempliċi u preċiż jinforma lill-utenti li l-prodott jinkorpora karatteristiċi ta' aċċessibbiltà u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza;*** |
| (c) l-istruzzjonijiet ***dwar l-użu***, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott li għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej: | (c) l-istruzzjonijiet ***għall-użu***, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott***, kemm jekk ipprovduti b'mod separat jew integrati fil-prodott,*** li għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej: |
| (i) ***il-kontenut tal-istruzzjonijiet għandu*** jkun disponibbli ***f'formati testwali li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati*** ta' ***assistenza alternattivi li jridu jiġu*** | (i) ***għandu*** jkun disponibbli ***f'format aċċessibbli fuq l-internet u f'format*** ta' ***dokument elettroniku mhux aċċessibbli fuq l-internet li jkun kemm perċettibbli kif*** |

| | |
|---|---|
| ***ppreżentati b'modi differenti u permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed,*** u | ***ukoll operabbli;*** u |
| (ii) ***l-istruzzjonijiet għandhom jipprovdu alternattivi għall-kontenut mhux testwali***; | (ii) ***il-manifattur għandu jelenka u jispjega kif jintużaw il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tal-prodott u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza***; |
| | (iii) ***għandhom ikunu pprovduti fuq formati alternattivi mhux elettroniċi fuq talba. Il-formati alternattivi mhux elettroniċi jistgħu jinkludu tipa kbira, Braille jew test faċli biex jinqara.*** |
| | ***(c) l-istruzzjonijiet għall-użu, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott, kemm jekk ipprovduti b'mod separat jew integrati fil-prodott, li għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej:*** |
| (d) l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; | (d) l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; |
| (e) il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; | (e) il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; |
| (f) ***l-interfaċċjar tal-prodott*** ma' tagħmir ta' assistenza***.*** | (f) ***meta rilevanti, kompatibbiltà*** ma' tagħmir ***u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni, inklużi t-teknoloġiji għas-smigħ, bħalma huma l-apparat li jgħin is-smigħ, it-telecoils, l-impjanti kokleari, u tagħmir ta' assistenza tas-smigħ***. |

**Emenda 85**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 5 – Taqsima IV – kolonna 2 – punt B – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-interfaċċja tal-utent u ***d-disinn tal-funzjonalità:*** | 2. L-interfaċċja tal-utent u ***r-rekwiżiti tal-prestazzjoni funzjonali*** |
| Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent tagħhom ikunu aċċessibbli kif imsemmi fil-punti (d) u (e) tal-punt 1, ***iridu*** | Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent tagħhom ikunu aċċessibbli kif imsemmi fil-punti (d) u (e) tal-punt 1, ***għandhom ikunu*** ddisinjati, fejn |

***jkunu*** ddisinjati, fejn applikabbli, kif ġej:

(a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l-orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed***;***

(b) ***jipprovdu alternattivi għall-kliem għall-fini*** ta' ***komunikazzjoni u orjentament***;

(c) ***jipprovdu*** tkabbir ***u*** kuntrast flessibbli;

(d) ***jipprovdu lewn alternattiv biex jittrażmettu l-informazzjoni***;

applikabbli, kif ġej:

(a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l-orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed ***fosthom:***

***(i) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi l-vista,***

***(ii) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet tas-smigħ ta' informazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi smigħ;***

(b) ***meta l-prodott jirrikjedi input vokali mill-utenti, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li ma tirrikjedix li l-utenti jiġġeneraw output vokali;***

(c) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, jipprovdi tal-anqas modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti b'vista limitata jagħmlu użu aħjar minn dik il-vista, anke billi jipprovdi*** tkabbir ***flessibbli mingħajr telf ta' kontenut jew funzjonalità,*** kuntrast ***u luminanza*** flessibbli***, u meta possibbli, li jinkludi modi flessibbli għas-seperazzjoni u l-kontroll tal-informazzjoni fuq quddiem minn elementi viżivi fl-isfond u kontroll flessibbli fuq il-kamp viżiv meħtieġ***;

(d) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' tħaddim il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li ma tkunx tirrikjedi perċezzjoni tal-kulur mill-utent***;

| | |
|---|---|
| (e) ***jipprovdu*** modi flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw l-informazzjoni fuq quddiem minn dik fl-isfond***, anki bl-iskop li jnaqqsu l-istorbju fl-isfond u jtejbu ċ-ċarezza***; | (e) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet ta' tħaddim awditorji, il-kontroll mill-utent tal-volum jew ta' karatteristiċi awdjo mtejba biex tittejjeb iċ-ċarezza tal-awdjo, il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità ta' tħaddim waħda b'karatteristiċi ta' awdjo, ta' ċarezza u ta' volum imtejba inklużi u*** modi flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw l-informazzjoni fuq quddiem minn dik fl-isfond ***meta l-vuċi u l-isfond huma disponibbli bħala flussi tal-awdjo separati***; |
| ***(f) jipprovdu lill-utent bil-kontroll tal-volum;*** | |
| ***(g) jipprovdu kontroll sekwenzjali kif ukoll*** alternattivi ***għall-kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar; | ***(f) meta l-prodott jirrikjedi azzjonijiet manwali, il-prodott għandu jipprovdi modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti jagħmlu użu tal-prodott permezz ta' modalitajiet*** alternattivi ***ta' tħaddim li ma jirrikjedux kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar***, manipulazzjoni jew saħħa bl-idejn, u lanqas t-tħaddim ta' aktar minn kontroll wieħed fl-istess ħin***; |
| ***(h) jipprovdu modalitajiet ta' tħaddim f'każ*** li ***l-utent ikollu saħħa u firxa*** ta' moviment limitati; | ***(g) meta l-prodott huwa free-standing jew installat, l-elementi informattivi u operattivi tiegħu għandhom ikunu aċċessibbli għall-utenti kollha jew għandu jkun possibbli għall-utenti kollha*** li ***jqegħduh f'post aċċessibbli, inklużi l-utenti b'firxa*** ta' moviment ***u b'saħħa*** limitati; |
| ***(i) jipprovdu l-possibbiltà*** li ***jiġi evitat l-istimolu ta'*** reazzjonijiet fotosensittivi***.*** | ***(h) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' informazzjoni, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni*** li ***tnaqqas il-potenzjal li jiġu skattati*** reazzjonijiet fotosensittivi***;*** |
| | ***(i) il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità waħda ta' tħaddim li tagħmilha aktar sempliċi u aktar faċli biex jintuża mill-utenti kollha, inklużi l-utenti b'konjizzjoni limitata;*** |
| | ***(j) meta l-prodott jipprovdi karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà, għandu jipprovdi mill-inqas modalità*** |

| | |
|---|---|
| | ***waħda ta' tħaddim li tħares il-privatezza tal-utenti meta jużaw il-karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà.*** |

**Emenda 86**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 5 – Taqsima IV – kolonna 2 – punt B – punt 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Servizzi ta' appoġġ*** |
| | ***Meta disponibbli, is-servizzi ta' appoġġ (help desks, ċentri fejn iċċempel, appoġġ tekniku, servizzi ta' trażmissjoni u servizzi ta' taħriġ) għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-prodott u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza, b'modi aċċessibbli ta' komunikazzjoni għall-utenti, inklużi persuni b'diżabilità.*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 6 – Taqsima V – kolonna 2 – punt A – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-għoti ta' servizzi***, sabiex*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: | 1. L-għoti ta' servizzi ***b'tali mod li*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: |
| (a) ***tingħata informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati kif ġej: | (a) ***l-informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati ***għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli*** kif ġej: |
| (i) ***il-kontenut tal-informazzjoni għandu jkun*** disponibbli ***f'formati testwali li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati ta' assistenza alternattivi li jridu jiġu ppreżentati b'modi differenti mill-utenti*** u ***permezz ta' aktar minn kanal sensorjali*** | (i) ***l-informazzjoni għandha tkun*** disponibbli ***f'format aċċessibbli fuq l-internet u f'format ta' dokument elettroniku mhux aċċessibbli fuq l-internet billi ssir intelliġibbli, perċettibbli*** u ***operabbli.*** |

| | |
|---|---|
| ***wieħed,*** | |
| (ii) ***għandhom jiġu pprovduti alternattivi għall-kontenut mhux testwali;*** | (ii) ***l-operatur ekonomiku għandu jelenka u jispjega kif jintużaw il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tas-servizz u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza;*** |
| (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet onlajn relatati meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandha tiġi pprovduta*** skont il-punt (b)**.** | (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet ***u s-siti web*** onlajn ***u mobbli*** relatati**,** meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandhom jiġu pprovduti*** skont il-punt (b)***;*** |
| (b) is-siti web isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; | (b) is-siti web**,** ***is-servizzi abbażi ta' apparat mobbli, inklużi l-applikazzjonijiet mobbli meħtieġa għall-għoti tas-servizz*** isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; |
| (c) ***jiġu inklużi*** funzjonijiet, prattiki, politiki u proċeduri u tibdil fl-operazzjoni tas-servizz immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali. | (c) funzjonijiet, prattiki, politiki u proċeduri u tibdil fl-operazzjoni tas-servizz immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali**,** ***inklużi persuni b'diżabilità***. |

**Emenda 88**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 6 – Taqsima V – kolonna 2 – punt A – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Servizzi ta' appoġġ*** |
| | ***Meta disponibbli, is-servizzi ta' appoġġ (help desks, ċentri fejn iċċempel, appoġġ tekniku, servizzi ta' trażmissjoni u servizzi ta' taħriġ) għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tas-servizz u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza, b'modi*** |

***aċċessibbli ta' komunikazzjoni għall-utenti, inklużi persuni b'diżabilità.***

**Emenda 89**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 6 – Taqsima V – kolonna 2 – punt B – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) is-siti web isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; | (a) is-siti web***, is-servizzi abbażi ta' apparat mobbli, inklużi l-applikazzjonijiet mobbli meħtieġa għall-għoti tas-servizz*** isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; |

**Emenda 90**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 6 – Taqsima V – kolonna 2 – punt C – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-għoti ta' servizzi***, sabiex*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: | 1. L-għoti ta' servizzi ***b'tali mod li*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: |
| (a) ***tingħata informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati kif ġej: | (a) ***l-informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati ***għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli*** kif ġej: |
| (i) ***il-kontenut tal-informazzjoni għandu jkun*** disponibbli ***f'formati testwali li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati ta' assistenza alternattivi li jridu jiġu*** | (i) ***l-informazzjoni għandha tkun*** disponibbli ***f'format aċċessibbli fuq l-internet u f'format ta' dokument elettroniku mhux aċċessibbli fuq l-*** |

| | |
|---|---|
| ***ppreżentati b'modi differenti mill-utenti*** u ***permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed,*** | ***internet billi ssir intelliġibbli, perċettibbli*** u ***operabbli;*** |
| (ii) ***għandhom jiġu pprovduti alternattivi għall-kontenut mhux testwali;*** | (ii) ***l-operatur ekonomiku għandu jelenka u jispjega kif jintużaw il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tas-servizz u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza;*** |
| (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet onlajn relatati meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandha tiġi pprovduta*** skont il-punt (b)**.** | (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet ***u s-siti web*** onlajn ***u mobbli*** relatati**,** meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandhom jiġu pprovduti*** skont il-punt (b)***;*** |
| (b) is-siti web isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; | (b) is-siti web***, is-servizzi abbażi ta' apparat mobbli, inklużi l-applikazzjonijiet mobbli meħtieġa għall-għoti tas-servizz*** isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; |

**Emenda 91**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 6 – Taqsima V – kolonna 2 – punt D – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1.*** Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità ***u dawk b'diżabilitajiet marbuta mal-età***, għandhom jitwettqu ***billi jkun disponibbli dan*** li ***ġej***: | 1. Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandhom jitwettqu ***b'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà*** li ***ġejjin***: |
| (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu | (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li |

| | |
|---|---|
| (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li: | ***għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli u li***: |
| (i) ***trid*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; | (i) ***għandha*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; |
| (ii) ***trid*** tkun tinftiehem; | (ii) ***għandha*** tkun tinftiehem; |
| (iii) ***trid*** tkun perċettibbli; | (iii) ***għandha*** tkun perċettibbli; |
| (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat għall-kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli; | (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat ***b'kuntrast sufficjenti bejn il-karattri u l-isfond tagħhom sabiex tiġi mmassimizzata l-leġġibilità tagħha*** għall-kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli; |
| (b) l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; | (b) l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; |
| (c) il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; | (c) il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; |
| (d) ***l-interfaċċjar tal-prodott*** ma' tagħmir ta' assistenza. | (d) ***meta rilevanti, kompatibbiltà ma' tagħmir u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni, inklużi t-teknoloġiji għas-smigħ, bħalma huma l-apparat li jgħin is-smigħ, it-telecoils, l-impjanti kokleari, u tagħmir ta' assistenza tas-smigħ.*** |

**Emenda 92**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Taqsima V – kolonna 2 – punt D – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Servizzi ta' appoġġ*** |
| | ***MMeta disponibbli, is-servizzi ta' appoġġ (help desks, ċentri fejn iċċempel, appoġġ tekniku, servizzi ta' trażmissjoni u servizzi ta' taħriġ) għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-prodott u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza, b'modi aċċessibbli ta' komunikazzjoni għall-utenti b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi*** |

| | |
|---|---|
| | ***persuni b'diżabilità.*** |

**Emenda 93**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 6 – Taqsima V – kolonna 2 – punt D – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2.*** L-interfaċċja tal-utent u ***d-disinn tal-funzjonalità:*** | 2. L-interfaċċja tal-utent u ***r-rekwiżiti tal-prestazzjoni funzjonali*** |
| Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent kif imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-punt 1 ikunu aċċessibbli, ***iridu jkunu*** ddisinjati, fejn applikabbli, kif ġej: | Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent kif imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-punt 1 ikunu aċċessibbli, ***għandhom ikunu*** ddisinjati, fejn applikabbli, kif ġej: |
| (a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l-orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed***;*** | (a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l-orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed ***inkluż:*** |
| | ***(i) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi l-vista;*** |
| | ***(ii) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet tas-smigħ ta' informazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi smigħ;*** |
| (b) ***jipprovdu alternattivi għall-kliem għall-fini*** ta' ***komunikazzjoni u orjentament***; | (b) ***meta l-prodott jirrikjedi input vokali mill-utenti, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li ma tirrikjedix li l-utenti jiġġeneraw output vokali;*** |
| (c) ***jipprovdu*** tkabbir ***u*** kuntrast flessibbli; | (c) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, jipprovdi tal-anqas modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti b'vista limitata jagħmlu użu aħjar minn dik il-vista, anke billi jipprovdi*** tkabbir ***flessibbli mingħajr telf ta' kontenut jew funzjonalità,*** kuntrast ***u luminanza*** flessibbli***, u meta possibbli, li jinkludi modi flessibbli għas-seperazzjoni u l-kontroll tal-informazzjoni fuq quddiem minn elementi viżivi fl-isfond u kontroll*** |

| | |
|---|---|
| | ***flessibbli fuq il-kamp viżiv meħtieġ***; |
| (d) ***jipprovdu lewn alternattiv biex jittrażmettu l-informazzjoni***; | (d) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' tħaddim il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità waħda ta' tħaddim li ma tkunx tirrikjedi perċezzjoni tal-kulur mill-utent***; |
| (e) ***jipprovdu*** modi flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw l-informazzjoni fuq quddiem minn dik fl-isfond***, anki bl-iskop li jnaqqsu l-istorbju fl-isfond u jtejbu ċ-ċarezza***; | (e) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet ta' tħaddim awditorji, il-kontroll mill-utent tal-volum jew ta' karatteristiċi awdjo mtejba biex tittejjeb iċ-ċarezza tal-awdjo, il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità ta' tħaddim waħda b'karatteristiċi awdjo mtejba, ċarezza u volum inklużi u*** modi flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw l-informazzjoni fuq quddiem minn dik fl-isfond ***meta l-vuċi u l-isfond huma disponibbli bħala flussi tal-awdjo separati***; |
| ***(f) jipprovdu lill-utent bil-kontroll tal-volum;*** | |
| ***(g) jipprovdu kontroll sekwenzjali kif ukoll*** alternattivi ***għall-kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar; | ***(f) meta l-prodott jirrikjedi azzjonijiet manwali, il-prodott għandu jipprovdi modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti jagħmlu użu tal-prodott permezz ta' modalitajiet*** alternattivi ***ta' tħaddim li ma jirrikjedux kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar***, manipulazzjoni jew saħħa bl-idejn, u lanqas t-tħaddim ta' aktar minn kontroll wieħed fl-istess ħin***; |
| ***(h)*** ***jipprovdu modalitajiet ta' tħaddim f'każ*** li ***l-utent ikollu saħħa u firxa*** ta' moviment limitati; | ***(g) meta l-prodott huwa free-standing jew installat, l-elementi informattivi u operattivi tiegħu għandhom ikunu aċċessibbli għall-utenti kollha jew għandu jkun possibbli għall-utenti kollha*** li ***jqegħduh f'post aċċessibbli, inklużi l-utenti b'firxa*** ta' moviment ***u b'saħħa*** limitati; |
| ***(i) jipprovdu l-possibbiltà*** li ***jiġi evitat l-istimolu ta'*** reazzjonijiet fotosensittivi. | ***(h) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' informazzjoni, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni*** li ***tnaqqas il-potenzjal li jiġu skattati*** reazzjonijiet fotosensittivi***;*** |
| | ***(i) il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità waħda ta' tħaddim li*** |

| | |
|---|---|
| | ***tagħmilha aktar sempliċi u aktar faċli biex jintuża mill-utenti kollha, inklużi l-utenti b'konjizzjoni limitata;*** |
| | ***(j) meta l-prodott jipprovdi karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà, għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li tħares il-privatezza tal-utenti meta jużaw il-karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà.*** |

**Emenda 94**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 7 – Taqsima VI – kolonna 1 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Servizzi bankarji; is-siti web użati għall-għoti ta' servizzi bankarji; is-servizzi bankarji abbażi ta' apparat mobbli; it-terminals self-service, inklużi l-magni awtomatiċi għall-ġbid tal-flus użati għall-għoti ta' servizzi bankarji | Servizzi bankarji; is-siti web użati għall-għoti ta' servizzi bankarji; is-servizzi bankarji abbażi ta' apparat mobbli; it-terminals self-service, inklużi l-magni awtomatiċi għall-ġbid tal-flus użati għall-għoti ta' servizzi bankarji ***u t-terminals ta' pagament*** |

**Emenda 95**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 7 – Taqsima VI – kolonna 2 – punt A – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-għoti ta' servizzi***, sabiex*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: | 1. L-għoti ta' servizzi ***b'tali mod li*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: |
| (a) ***tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-prodotti*** li jużaw fl-għoti tas-servizz***,*** skont ir-regoli stabbiliti fil-punt D***:*** | (a) ***il-prodotti*** li jużaw fl-għoti tas-servizz ***għandhom ikunu*** skont ir-regoli stabbiliti fil-punt D***;*** |
| (b) ***tingħata informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati kif ġej: | (b) ***l-informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati ***għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli*** kif ġej: |

| | |
|---|---|
| (i) ***il-kontenut tal-informazzjoni għandu jkun*** disponibbli ***f'formati testwali li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati*** ta' ***assistenza alternattivi li jridu jiġu ppreżentati b'modi differenti mill-utenti*** u ***permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed,*** | (i) ***l-informazzjoni għandha tkun*** disponibbli ***f'format aċċessibbli fuq l-internet u f'format*** ta' ***dokument elettroniku mhux aċċessibbli fuq l-internet billi ssir perċettibbli*** u ***operabbli.*** |
| (ii) ***għandhom jiġu pprovduti alternattivi għall-kontenut mhux testwali;*** | (ii) ***l-operatur ekonomiku għandu jelenka u jispjega kif jintużaw il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tas-servizz u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza;*** |
| (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet onlajn relatati meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandha tiġi pprovduta*** skont il-punt (c)***.*** | (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet ***u s-siti web*** onlajn ***u mobbli*** relatati***,*** meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandhom jiġu pprovduti*** skont il-punt (c)***;*** |
| (c) is-siti web isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; | (c) is-siti web***, is-servizzi abbażi ta' apparat mobbli, inklużi l-applikazzjonijiet mobbli meħtieġa għall-għoti tas-servizz*** isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; |
| (d) ***jiġu inklużi*** funzjonijiet, prattiki, politiki u proċeduri u tibdil fl-operazzjoni tas-servizz immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali. | (d) funzjonijiet, prattiki, politiki u proċeduri u tibdil fl-operazzjoni tas-servizz immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali ***inklużi persuni b'diżabilità***. |

**Emenda 96**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 7 – Taqsima VI – kolonna 2 – punt A – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Servizzi ta' appoġġ*** |

***Meta disponibbli, is-servizzi ta' appoġġ (help desks, ċentri fejn iċċempel, appoġġ tekniku, servizzi ta' trażmissjoni u servizzi ta' taħriġ) għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tas-servizz u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza, b'modi aċċessibbli ta' komunikazzjoni għall-utenti, inklużi persuni b'diżabilità.***

**Emenda 97**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 7 – Taqsima VI – kolonna 2 – punt B – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) is-siti web isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; | (a) is-siti web***, is-servizzi abbażi ta' apparat mobbli, inklużi l-applikazzjonijiet mobbli meħtieġa għall-għoti tas-servizz*** isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; |

**Emenda 98**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 7 – Taqsima VI – kolonna 2 – punt C – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-għoti ta' servizzi***, sabiex*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: | 1. L-għoti ta' servizzi ***b'tali mod li*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: |
| (a) ***tingħata informazzjoni*** dwar il- | (a) ***l-informazzjoni*** dwar il- |

| | |
|---|---|
| funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati kif ġej: | funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati***, għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli*** kif ġej: |
| (i) ***il-kontenut tal-informazzjoni għandu jkun*** disponibbli ***f'formati testwali li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati*** ta' ***assistenza alternattivi li jridu jiġu ppreżentati b'modi differenti mill-utenti*** u ***permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed,*** | (i) ***l-informazzjoni għandha tkun*** disponibbli ***f'format aċċessibbli fuq l-internet u f'format*** ta' ***dokument elettroniku mhux aċċessibbli fuq l-internet billi ssir perċettibbli*** u ***operabbli.*** |
| (ii) ***għandhom jiġu pprovduti alternattivi għall-kontenut mhux testwali;*** | (ii) ***l-operatur ekonomiku għandu jelenka u jispjega kif jintużaw il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tas-servizz u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza;*** |
| (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet onlajn relatati meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandha tiġi pprovduta*** skont il-punt (b)***.*** | (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet ***u s-siti web*** onlajn ***u mobbli*** relatati***,*** meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandhom jiġu pprovduti*** skont il-punt (b)***;*** |
| (b) is-siti web isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; | (b) is-siti web ***u s-servizzi abbażi ta' apparat mobbli, inklużi l-applikazzjonijiet mobbli meħtieġa għall-għoti tas-servizz*** isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; |

**Emenda 99**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 7 – Taqsima VI – kolonna 2 – punt D – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1.*** Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom | 1. Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom |

| | |
|---|---|
| minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità ***u dawk b'diżabilitajiet marbuta mal-età***, għandhom jitwettqu ***billi jkun disponibbli dan*** li ***ġej***: | minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandhom jitwettqu ***b'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà*** li ***ġejjin***: |
| (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li: | (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li ***għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli u li***: |
| (i) ***trid*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; | (i) ***għandha*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; |
| (ii) ***trid*** tkun tinftiehem; | (ii) ***għandha*** tkun tinftiehem; |
| (iii) ***trid*** tkun perċettibbli; | (iii) ***għandha*** tkun perċettibbli; |
| (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat għall-kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli; | (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat ***b'kuntrast suffiċjenti bejn il-karattri u l-isfond tagħhom sabiex tiġi mmassimizzata l-leġġibilità tagħha*** għall-kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli; |
| (b) l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; | (b) l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; |
| (c) il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; | (c) il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; |
| (d) ***l-interfaċċjar tal-prodott*** ma' tagħmir ta' assistenza***.*** | (d) ***meta rilevanti, kompatibbiltà*** ma' tagħmir ***u teknoloġiji*** ta' assistenza ***disponibbli fil-livell tal-Unjoni, inklużi t-teknoloġiji għas-smigħ, bħalma huma l-apparat li jgħin is-smigħ, it-telecoils, l-impjanti kokleari, u tagħmir ta' assistenza tas-smigħ;*** |

**Emenda 100**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 7 – Taqsima VI – kolonna 2 – punt D – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Servizzi ta' appoġġ*** |
| | ***Meta disponibbli, is-servizzi ta' appoġġ*** |

***(help desks, ċentri fejn iċċempel, appoġġ tekniku, servizzi ta' trażmissjoni u servizzi ta' taħriġ) għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-prodott u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza, b'modi aċċessibbli ta' komunikazzjoni għall-utenti b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi persuni b'diżabilità.***

**Emenda 101**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 7 – Taqsima VI – kolonna 2 – punt D – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-interfaċċja tal-utent u ***d-disinn tal-funzjonalità:*** | 2. L-interfaċċja tal-utent u ***r-rekwiżiti tal-prestazzjoni funzjonali*** |
| Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent kif imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-punt 1 ikunu aċċessibbli, ***iridu jkunu*** ddisinjati, fejn applikabbli, kif ġej: | Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent kif imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-punt 1 ikunu aċċessibbli, ***għandhom ikunu*** ddisinjati, fejn applikabbli, kif ġej: |
| (a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l-orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed***;*** | (a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l-orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed ***inkluż:*** |
| | ***(i) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi l-vista;*** |
| | ***(ii) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet tas-smigħ ta' informazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi smigħ;*** |
| (b) ***jipprovdu alternattivi għall-kliem għall-fini*** ta' ***komunikazzjoni u orjentament***; | (b) ***meta l-prodott jirrikjedi input vokali mill-utenti, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li ma tirrikjedix li l-utenti jiġġeneraw output vokali;*** |
| (c) ***jipprovdu*** tkabbir ***u*** kuntrast flessibbli; | (c) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, jipprovdi tal-anqas modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti*** |

| | |
|---|---|
| | ***b'vista limitata jagħmlu użu aħjar minn dik il-vista, anke billi jipprovdi*** tkabbir ***flessibbli mingħajr telf ta' kontenut jew funzjonalità,*** kuntrast ***u luminanza*** flessibbli***, u meta possibbli, li jinkludi modi flessibbli għas-seperazzjoni u l-kontroll tal-informazzjoni fuq quddiem minn elementi viżivi fl-isfond u kontroll flessibbli fuq il-kamp viżiv meħtieġ***; |
| (d) ***jipprovdu lewn alternattiv biex jittrażmettu l-informazzjoni***; | (d) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' tħaddim il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità waħda ta' tħaddim li ma tkunx tirrikjedi perċezzjoni tal-kulur mill-utent***; |
| (e) ***jipprovdu*** modi flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw l-informazzjoni fuq quddiem minn dik fl-isfond***, anki bl-iskop li jnaqqsu l-istorbju fl-isfond u jtejbu ċ-ċarezza***; | (e) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet ta' tħaddim awditorji, il-kontroll mill-utent tal-volum jew ta' karatteristiċi awdjo mtejba biex tittejjeb iċ-ċarezza tal-awdjo, il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità ta' tħaddim waħda b'karatteristiċi awdjo mtejba, ċarezza u volum inklużi u*** modi flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw l-informazzjoni fuq quddiem minn dik fl-isfond ***meta l-vuċi u l-isfond huma disponibbli bħala flussi tal-awdjo separati***; |
| ***(f) jipprovdu lill-utent bil-kontroll tal-volum;*** | |
| (g) ***jipprovdu kontroll sekwenzjali kif ukoll*** alternattivi ***għall-kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar; | ***(f) meta l-prodott jirrikjedi azzjonijiet manwali, il-prodott għandu jipprovdi modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti jagħmlu użu tal-prodott permezz ta' modalitajiet*** alternattivi ***ta' tħaddim li ma jirrikjedux kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar***, manipulazzjoni jew saħħa bl-idejn, u lanqas t-tħaddim ta' aktar minn kontroll wieħed fl-istess ħin***; |
| ***(h) jipprovdu modalitajiet ta' tħaddim f'każ*** li ***l-utent ikollu saħħa u firxa*** ta' moviment limitati; | ***(g) meta l-prodott huwa free-standing jew installat, l-elementi informattivi u operattivi tiegħu għandhom ikunu aċċessibbli għall-utenti kollha jew għandu jkun possibbli għall-utenti kollha*** li ***jqegħduh f'post aċċessibbli, inklużi l-utenti b'firxa*** ta' moviment ***u b'saħħa*** limitati; |

| | |
|---|---|
| *(i)* *jipprovdu l-possibbiltà* li *jiġi evitat l-istimolu ta'* reazzjonijiet fotosensittivi*.* | ***(h) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' informazzjoni, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni*** li ***tnaqqas il-potenzjal li jiġu skattati*** reazzjonijiet fotosensittivi***;*** |
| | ***(i) il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità waħda ta' tħaddim li tagħmilha aktar sempliċi u aktar faċli biex jintuża mill-utenti kollha, inklużi l-utenti b'konjizzjoni limitata;*** |
| | ***(j) meta l-prodott jipprovdi karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà, għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li tħares il-privatezza tal-utenti meta jużaw il-karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà.*** |

**Emenda 102**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 8 – Taqsima VII – kolonna 2 – punt A – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1.*** L-għoti ta' servizzi***, sabiex*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: | 1. L-għoti ta' servizzi ***b'tali mod li*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: |
| (a) ***tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-prodotti*** li jużaw fl-għoti tas-servizz***,*** skont ir-regoli stabbiliti fil-punt B "Prodotti"; | (a) ***il-prodotti*** li jużaw fl-għoti tas-servizz ***għandhom ikunu*** skont ir-regoli stabbiliti fil-punt B "Prodotti"; |
| (b) ***tingħata informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati kif ġej: | (b) ***l-informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati ***għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli*** kif ġej: |
| (i) ***il-kontenut tal-informazzjoni għandu jkun*** disponibbli ***f'formati testwali li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati*** ta' ***assistenza alternattivi li jridu jiġu ppreżentati b'modi differenti mill-utenti*** u ***permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed,*** | (i) ***l-informazzjoni għandha tkun*** disponibbli ***f'format aċċessibbli fuq l-internet u f'format*** ta' ***dokument elettroniku mhux aċċessibbli fuq l-internet billi ssir perċettibbli*** u ***operabbli;*** |

| | |
|---|---|
| (ii) ***għandhom jiġu pprovduti alternattivi għall-kontenut mhux testwali;*** | (ii) ***l-operatur ekonomiku għandu jelenka u jispjega kif jintużaw il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tas-servizz u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza;*** |
| (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet onlajn relatati meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandha tiġi pprovduta*** skont il-punt (c)**.** | (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet ***u s-siti web*** onlajn ***u mobbli*** relatati**,** meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandhom jiġu pprovduti*** skont il-punt (c)***;*** |
| (c) is-siti web isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; | (c) is-siti web**,** ***is-servizzi abbażi ta' apparat mobbli, inklużi l-applikazzjonijiet mobbli meħtieġa għall-għoti tas-servizz*** isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; |
| (d) tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli biex jiġu ffaċilitati l-komplementaritajiet mas-servizzi ta' assistenza; | (d) tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli biex jiġu ffaċilitati l-komplementaritajiet mas-servizzi ta' assistenza; |
| (e) ***jiġu inklużi*** funzjonijiet, prattiki, politiki u proċeduri u tibdil fl-operazzjoni tas-servizz immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali. | (e) funzjonijiet, prattiki, politiki u proċeduri u tibdil fl-operazzjoni tas-servizz immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali***, inklużi persuni b'diżabilità***. |

**Emenda 103**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 8 – Taqsima VII – kolonna 2 – punt A – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Servizzi ta' appoġġ*** |
| | ***Meta disponibbli, is-servizzi ta' appoġġ (help desks, ċentri fejn iċċempel, appoġġ tekniku, servizzi ta' trażmissjoni u servizzi ta' taħriġ) għandhom jipprovdu*** |

| | |
|---|---|
| | ***informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tas-servizz u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza, b'modi aċċessibbli ta' komunikazzjoni għall-utenti, inklużi persuni b'diżabilità.*** |

**Emenda 104**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 8 – Taqsima VII – kolonna 2 – punt B – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1.*** Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità ***u dawk b'diżabilitajiet marbuta mal-età***, għandhom jitwettqu ***billi jkun disponibbli dan*** li ***ġej***: | 1. Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandhom jitwettqu ***b'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà*** li ***ġejjin***: |
| (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li: | (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li ***għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli u li***: |
| (i) ***trid*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; | (i) ***għandha*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; |
| (ii) ***trid*** tkun tinftiehem; | (ii) ***għandha*** tkun tinftiehem; |
| (iii) ***trid*** tkun perċettibbli; | (iii) ***għandha*** tkun perċettibbli; |
| (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat għall-kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli; | (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat ***b'kuntrast suffiċjenti bejn il-karattri u l-isfond tagħhom sabiex tiġi mmassimizzata l-leġġibilità tagħha*** għall-kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli; |
| (b) l-imballaġġ tal-prodott, inkluża l-informazzjoni pprovduta fih (ftuħ, għeluq, użu, rimi)***;*** | (b) l-imballaġġ tal-prodott, inkluża l-informazzjoni pprovduta fih (ftuħ, għeluq, użu, rimi) ***u indikazzjoni tal-marka, l-isem u t-tip tal-prodott li:*** |
| | ***(i) għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-punt 1(a);*** |
| | ***(ii) għandu b'mod sempliċi u preċiż jinforma lill-utenti li l-prodott jinkorpora*** |

| | |
|---|---|
| | ***karatteristiċi ta' aċċessibbiltà u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza;*** |
| (c) l-istruzzjonijiet ***dwar l-użu***, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott li għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej: | (c) l-istruzzjonijiet ***għall-użu***, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott***, kemm jekk ipprovduti b'mod separat jew integrati fil-prodott,*** li għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej: |
| (i) ***il-kontenut tal-istruzzjonijiet għandu*** jkun disponibbli ***f'formati testwali li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati*** ta' ***assistenza alternattivi li jridu jiġu ppreżentati b'modi differenti u permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed,*** u | (i) ***għandu*** jkun disponibbli ***f'format aċċessibbli fuq l-internet u f'format*** ta' ***dokument elettroniku mhux aċċessibbli fuq l-internet li jkun kemm perċettibbli kif ukoll operabbli;*** u |
| (ii) ***l-istruzzjonijiet għandhom jipprovdu alternattivi għall-kontenut mhux testwali***; | (ii) ***il-manifattur għandu jelenka u jispjega kif jintużaw il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tal-prodott u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza***; |
| | (iii) ***għandhom ikunu pprovduti fuq formati alternattivi mhux elettroniċi fuq talba. Il-formati alternattivi mhux elettroniċi jistgħu jinkludu tipa kbira, Braille jew test faċli biex jinqara.*** |
| | ***(c) l-istruzzjonijiet għall-użu, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott, kemm jekk ipprovduti b'mod separat jew integrati fil-prodott, li għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej:*** |
| (d) l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; | (d) l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; |
| (e) il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; | (e) il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; |
| (f) ***l-interfaċċjar tal-prodott ma' tagħmir ta' assistenza.*** | (f) ***meta rilevanti, kompatibbiltà ma' tagħmir u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni, inklużi t-teknoloġiji għas-smigħ, bħalma huma l-apparat li jgħin is-smigħ, it-telecoils, l-impjanti kokleari, u tagħmir ta' assistenza tas-smigħ.*** |

**Emenda 105**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 8 – Taqsima VII – kolonna 2 – punt B – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Servizzi ta' appoġġ*** |
| | ***Meta disponibbli, is-servizzi ta' appoġġ (help desks, ċentri fejn iċċempel, appoġġ tekniku, servizzi ta' trażmissjoni u servizzi ta' taħriġ) għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-prodott u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza, b'modi aċċessibbli ta' komunikazzjoni għall-utenti, inklużi persuni b'diżabilità.*** |

**Emenda 106**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 8 – Taqsima VII – kolonna 2 – punt B – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-interfaċċja tal-utent u ***d-disinn tal-funzjonalità:*** | 2. L-interfaċċja tal-utent u ***r-rekwiżiti tal-prestazzjoni funzjonali*** |
| Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent tagħhom ikunu aċċessibbli kif imsemmi fil-punti (d) u (e) tal-punt 1, ***iridu jkunu*** ddisinjati, fejn applikabbli, kif ġej: | Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent tagħhom ikunu aċċessibbli kif imsemmi fil-punti (d) u (e) tal-punt 1, ***għandhom ikunu*** ddisinjati, fejn applikabbli, kif ġej: |
| (a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l-orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed***;*** | (a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l-orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed ***inkluż:*** |
| | ***(i) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi l-vista,*** |
| | ***(ii) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet tas-smigħ ta' informazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi smigħ;*** |

| | |
|---|---|
| (b) ***jipprovdu alternattivi għall-kliem għall-fini*** ta' ***komunikazzjoni u orjentament***; | (b) ***meta l-prodott jirrikjedi input vokali mill-utenti, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda*** ta' ***tħaddim li ma tirrikjedix li l-utenti jiġġeneraw output vokali***; |
| (c) ***jipprovdu*** tkabbir ***u*** kuntrast flessibbli; | (c) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, jipprovdi tal-anqas modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti b'vista limitata jagħmlu użu aħjar minn dik il-vista, anke billi jipprovdi*** tkabbir ***flessibbli mingħajr telf ta' kontenut jew funzjonalità,*** kuntrast ***u luminanza*** flessibbli***, u meta possibbli, li jinkludi modi flessibbli għas-seperazzjoni u l-kontroll tal-informazzjoni fuq quddiem minn elementi viżivi fl-isfond u kontroll flessibbli fuq il-kamp viżiv meħtieġ***; |
| (d) ***jipprovdu lewn alternattiv biex jittrażmettu l-informazzjoni***; | (d) ***fejn il-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' tħaddim il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità waħda ta' tħaddim li ma tkunx tirrikjedi perċezzjoni tal-kulur mill-utent***; |
| (e) ***jipprovdu*** modi flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw l-informazzjoni fuq quddiem minn dik fl-isfond***, anki bl-iskop li jnaqqsu l-istorbju fl-isfond u jtejbu ċ-ċarezza***; | (e) ***fejn il-prodott jipprovdi modalitajiet ta' tħaddim awditorji, il-kontroll mill-utent tal-volum jew ta' karatteristiċi awdjo mtejba biex tittejjeb iċ-ċarezza tal-awdjo, il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità ta' tħaddim waħda b'karatteristiċi ta' awdjo, ta' ċarezza u ta' volum imtejba inklużi u*** modi flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw l-informazzjoni fuq quddiem minn dik fl-isfond ***fejn tal-vuċi u sfond huma disponibbli bħala flussi tal-awdjo separati***; |
| ***(f) jipprovdu lill-utent bil-kontroll tal-volum;*** | |
| ***(g) jipprovdu kontroll sekwenzjali kif ukoll*** alternattivi ***għall-kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar; | ***(f) fejn il-prodott jirrikjedi azzjonijiet manwali, il-prodott għandu jipprovdi modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti jagħmlu użu tal-prodott permezz ta' modalitajiet*** alternattivi ***ta' tħaddim li ma jirrikjedux kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar***, manipulazzjoni jew saħħa bl-idejn, u lanqas t-tħaddim ta' aktar minn kontroll*** |

| | |
|---|---|
| | ***wieħed fl-istess ħin***; |
| ***(h) jipprovdu modalitajiet ta' tħaddim f'każ*** li ***l-utent ikollu saħħa u firxa*** ta' moviment limitati; | ***(g) fejn il-prodott huwa free-standing jew installat, l-elementi informattivi u operattivi tiegħu għandhom ikunu aċċessibbli għall-utenti kollha jew għandu jkun possibbli għall-utenti kollha*** li ***jqegħduh f'post aċċessibbli, inklużi l-utenti b'firxa*** ta' moviment ***u b'saħħa*** limitati; |
| ***(i) jipprovdu l-possibbiltà*** li ***jiġi evitat l-istimolu ta'*** reazzjonijiet fotosensittivi***.*** | ***(h) fejn il-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' informazzjoni, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni*** li ***tnaqqas il-potenzjal li jiġu skattati*** reazzjonijiet fotosensittivi***;*** |
| | ***(i) il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità waħda ta' tħaddim li tagħmilha aktar sempliċi u aktar faċli biex jintuża mill-utenti kollha, inklużi l-utenti b'konjizzjoni limitata;*** |
| | ***(j) fejn il-prodott jipprovdi karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà, għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li tħares il-privatezza tal-utenti meta jużaw il-karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà;*** |

**Emenda 107**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 9 – Taqsima VIII – kolonna 2 – punt A – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-għoti ta' servizzi***, sabiex*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: | 1. L-għoti ta' servizzi ***b'tali mod li*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: |
| (a) ***tingħata informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati kif ġej: | (a) ***l-informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà relatati***, għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli*** kif ġej: |
| (i) ***il-kontenut tal-informazzjoni*** | (i) ***l-informazzjoni għandha tkun*** |

| | |
|---|---|
| ***għandu jkun*** disponibbli ***f'formati testwali li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati*** ta' ***assistenza alternattivi li jridu jiġu ppreżentati b'modi differenti mill-utenti*** u ***permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed,*** | disponibbli ***f'format aċċessibbli fuq l-internet u f'format*** ta' ***dokument elettroniku mhux aċċessibbli fuq l-internet billi ssir perċettibbli*** u ***operabbli;*** |
| (ii) ***għandhom jiġu pprovduti alternattivi għall-kontenut mhux testwali;*** | (ii) ***l-operatur ekonomiku għandu jelenka u jispjega kif jintużaw il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tas-servizz u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza;*** |
| (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet onlajn relatati meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandha tiġi pprovduta*** skont il-punt (b)**.** | (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet ***u s-siti web*** onlajn ***u mobbli*** relatati**,** meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandhom jiġu pprovduti*** skont il-punt (b)***;*** |
| (b) is-siti web isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; | (b) is-siti web***, is-servizzi abbażi ta' apparat mobbli, inklużi l-applikazzjonijiet mobbli meħtieġa għall-għoti tas-servizz*** isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; |

**Emenda 108**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – ringiela 9 – Taqsima VIII – kolonna 2 – punt A – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Servizzi ta' appoġġ: Fejn disponibbli, is-servizzi ta' appoġġ (help desks, ċentri fejn iċċempel, appoġġ tekniku, servizzi ta' trażmissjoni u servizzi ta' taħriġ) għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tas-servizz u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza, b'mezzi*** |

| | |
|---|---|
| | ***aċċessibbli ta' komunikazzjoni għall-utenti b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi persuni b'diżabilità.*** |

**Emenda 109**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Taqsima IX – Parti A – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1.*** Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità ***u dawk b'diżabilitajiet marbuta mal-età***, għandhom jitwettqu ***billi jkun disponibbli dan*** li ***ġej***: | 1. Id-disinn u l-produzzjoni: Id-disinn u l-produzzjoni tal-prodotti, sabiex jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandhom jitwettqu ***b'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà*** li ***ġejjin***: |
| (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li: | (a) l-informazzjoni dwar l-użu tal-prodott mogħtija fuq il-prodott innifsu (ittikkettar, struzzjonijiet, twissija), li ***għandha tiġi pprovduta f'formati aċċessibbli multipli u li***: |
| (i) ***trid*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; | (i) ***għandha*** tkun disponibbli permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; |
| (ii) ***trid*** tkun tinftiehem; | (ii) ***għandha*** tkun tinftiehem; |
| (iii) ***trid*** tkun perċettibbli; | (iii) ***għandha*** tkun perċettibbli; |
| (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat għall-kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli; | (iv) għandha tkun disponibbli b'fonts ta' daqs adegwat ***b'kuntrast suffiċjenti bejn il-karattri u l-isfond tagħhom sabiex tiġi mmassimizzata l-leġġibilità tagħha*** għall-kundizzjonijiet ta' użu prevedibbli; |
| (b) l-imballaġġ tal-prodott, inkluża l-informazzjoni pprovduta fih (ftuħ, għeluq, użu, rimi)***;*** | (b) l-imballaġġ tal-prodott, inkluża l-informazzjoni pprovduta fih (ftuħ, għeluq, użu, rimi) ***u indikazzjoni tal-marka, l-isem u t-tip tal-prodott li:*** |
| | ***(i) għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-punt 1a;*** |
| | ***(ii) għandu b'mod sempliċi u preċiż jinforma lill-utenti li l-prodott jinkorpora karatteristiċi ta' aċċessibbiltà u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza;*** |

| | |
|---|---|
| (c) l-istruzzjonijiet ***dwar l-użu***, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott li għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej: | (c) l-istruzzjonijiet ***għall-użu***, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott***, kemm jekk ipprovduti b'mod separat jew integrati fil-prodott,*** li għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej: |
| (i) ***il-kontenut tal-istruzzjonijiet għandu*** jkun disponibbli ***f'formati testwali li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati*** ta' ***assistenza alternattivi li jridu jiġu ppreżentati b'modi differenti u permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed,*** u | (i) ***għandu*** jkun disponibbli ***f'format aċċessibbli fuq l-internet u f'format*** ta' ***dokument elettroniku mhux aċċessibbli fuq l-internet li jkun kemm perċettibbli kif ukoll operabbli;*** u |
| (ii) ***l-istruzzjonijiet għandhom jipprovdu alternattivi għall-kontenut mhux testwali***; | (ii) ***il-manifattur għandu jelenka u jispjega kif jintużaw il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tal-prodott u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza***; |
| | ***(iii) għandhom ikunu pprovduti fuq formati alternattivi mhux elettroniċi fuq talba. Il-formati alternattivi mhux elettroniċi jistgħu jinkludu tipa kbira, Braille jew test faċli biex jinqara.*** |
| | ***(c)*** l-istruzzjonijiet għall-użu, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott, kemm jekk ipprovduti b'mod separat jew integrati fil-prodott, li għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej: |
| (d) l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; | (d) l-interfaċċja tal-utent tal-prodott (maniġġar, kontrolli u feedback, input u output) skont il-punt 2; |
| (e) il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; | (e) il-funzjonalità tal-prodott billi jiġu pprovduti funzjonijiet immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, f'konformità mal-punt 2; |
| (f) ***l-interfaċċjar tal-prodott*** ma' tagħmir ta' assistenza. | (f) ***meta rilevanti, kompatibbiltà ma' tagħmir u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni, inklużi t-teknoloġiji għas-smigħ, bħalma huma l-apparat li jgħin is-smigħ, it-telecoils, l-impjanti kokleari, u tagħmir ta' assistenza tas-smigħ.*** |

**Emenda 110**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Taqsima IX – Parti A – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-interfaċċja tal-utent u ***d-disinn tal-funzjonalità:*** | 2. L-interfaċċja tal-utent u ***r-rekwiżiti tal-prestazzjoni funzjonali*** |
| Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent tagħhom ikunu aċċessibbli kif imsemmi fil-punti (d) u (e) tal-punt 1, ***iridu jkunu*** ddisinjati, fejn applikabbli, kif ġej: | Sabiex id-disinn tal-prodotti u l-interfaċċja tal-utent tagħhom ikunu aċċessibbli kif imsemmi fil-punti (d) u (e) tal-punt 1, ***għandhom ikunu*** ddisinjati, fejn applikabbli, kif ġej: |
| (a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l-orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed***;*** | (a) jipprovdu l-komunikazzjoni u l-orjentazzjoni permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed ***inkluż:*** |
| | ***(i) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi l-vista,*** |
| | ***(ii) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet tas-smigħ ta' informazzjoni u tħaddim, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni u tħaddim li ma tkunx tirrikjedi smigħ;*** |
| (b) ***jipprovdu alternattivi għall-kliem għall-fini*** ta' ***komunikazzjoni u orjentament***; | (b) ***meta l-prodott jirrikjedi input vokali mill-utenti, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda*** ta' ***tħaddim li ma tirrikjedix li l-utenti jiġġeneraw output vokali***; |
| (c) ***jipprovdu*** tkabbir ***u*** kuntrast flessibbli; | (c) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' komunikazzjoni u tħaddim, jipprovdi tal-anqas modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti b'vista limitata jagħmlu użu aħjar minn dik il-vista, anke billi jipprovdi*** tkabbir ***flessibbli mingħajr telf ta' kontenut jew funzjonalità,*** kuntrast ***u luminanza*** flessibbli***, u meta possibbli, li jinkludi modi flessibbli għas-seperazzjoni u l-kontroll tal-informazzjoni fuq quddiem minn elementi viżivi fl-isfond u kontroll flessibbli fuq il-kamp viżiv meħtieġ***; |
| (d) ***jipprovdu lewn alternattiv biex jittrażmettu l-informazzjoni***; | (d) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' tħaddim il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità*** |

| | |
|---|---|
| | ***waħda ta' tħaddim li ma tkunx tirrikjedi perċezzjoni tal-kulur mill-utent***; |
| (e) ***jipprovdu*** modi flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw l-informazzjoni fuq quddiem minn dik fl-isfond***, anki bl-iskop li jnaqqsu l-istorbju fl-isfond u jtejbu ċ-ċarezza***; | (e) ***meta l-prodott jipprovdi modalitajiet ta' tħaddim awditorji, il-kontroll mill-utent tal-volum jew ta' karatteristiċi awdjo mtejba biex tittejjeb iċ-ċarezza tal-awdjo, il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità ta' tħaddim waħda b'karatteristiċi ta' awdjo, ta' ċarezza u ta' volum imtejba inklużi u*** modi flessibbli biex jisseparaw u jikkontrollaw l-informazzjoni fuq quddiem minn dik fl-isfond ***meta l-vuċi u l-isfond huma disponibbli bħala flussi tal-awdjo separati***; |
| ***(f) jipprovdu lill-utent bil-kontroll tal-volum;*** | |
| ***(g) jipprovdu kontroll sekwenzjali kif ukoll*** alternattivi ***għall-kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar; | ***(f) meta l-prodott jirrikjedi azzjonijiet manwali, il-prodott għandu jipprovdi modalità ta' tħaddim waħda li tippermetti lill-utenti jagħmlu użu tal-prodott permezz ta' modalitajiet*** alternattivi ***ta' tħaddim li ma jirrikjedux kontroll*** bil-ħiliet motorji żgħar***, manipulazzjoni jew saħħa bl-idejn, u lanqas t-tħaddim ta' aktar minn kontroll wieħed fl-istess ħin***; |
| ***(h) jipprovdu modalitajiet ta' tħaddim f'każ*** li ***l-utent ikollu saħħa u firxa*** ta' moviment limitati; | ***(g) meta l-prodott huwa free-standing jew installat, l-elementi informattivi u operattivi tiegħu għandhom ikunu aċċessibbli għall-utenti kollha jew għandu jkun possibbli għall-utenti kollha*** li ***jqegħduh f'post aċċessibbli, inklużi l-utenti b'firxa*** ta' moviment ***u b'saħħa*** limitati; |
| ***(i) jipprovdu l-possibbiltà*** li ***jiġi evitat l-istimolu ta'*** reazzjonijiet fotosensittivi. | ***(h) meta l-prodott jipprovdi modalitajiet viżivi ta' informazzjoni, il-prodott għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' informazzjoni*** li ***tnaqqas il-potenzjal li jiġu skattati*** reazzjonijiet fotosensittivi***;*** |
| | ***(i) il-prodott għandu jipprovdi tal-anqas modalità waħda ta' tħaddim li tagħmilha aktar sempliċi u aktar faċli biex jintuża mill-utenti kollha, inklużi l-utenti b'konjizzjoni limitata;*** |

| | |
|---|---|
| | ***(j) meta l-prodott jipprovdi karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà, għandu jipprovdi mill-inqas modalità waħda ta' tħaddim li tħares il-privatezza tal-utenti meta jużaw il-karatteristiċi li jiżguraw l-aċċessibbiltà.*** |

**Emenda 111**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Taqsima IX – Parti B – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-għoti ta' servizzi***, sabiex*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: | 1. L-għoti ta' servizzi ***b'tali mod li*** jiġi mmassimizzat l-użu prevedibbli tagħhom minn persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabilità, għandu jitwettaq billi: |
| (a) isir aċċessibbli l-ambjent mibni fejn jiġi pprovdut is-servizz, inkluża l-infrastruttura tat-trasport, skont il-Parti C, mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-wirt nazzjonali artistiku, storiku jew arkeoloġiku; | (a) isir aċċessibbli l-ambjent mibni fejn jiġi pprovdut is-servizz, inkluża l-infrastruttura tat-trasport, skont il-Parti C, mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-wirt nazzjonali artistiku, storiku jew arkeoloġiku; |
| (b) isiru aċċessibbli l-faċilitajiet, inklużi l-vetturi, l-inġenji u t-tagħmir meħtieġa biex jitwassal is-servizz kif ġej: | (b) isiru aċċessibbli l-faċilitajiet, inklużi l-vetturi, l-inġenji u t-tagħmir meħtieġa biex jitwassal is-servizz kif ġej: |
| (i) id-disinn tal-ispazju mibni tiegħu għandu jimxi mar-rekwiżiti skont il-Parti C fir-rigward tal-imbark, l-iżbark, iċ-ċirkolazzjoni u l-użu; | (i) id-disinn tal-ispazju mibni tiegħu għandu jimxi mar-rekwiżiti skont il-Parti C fir-rigward tal-imbark, l-iżbark, iċ-ċirkolazzjoni u l-użu; |
| (ii) l-informazzjoni għandha tkun disponibbli b'modi differenti u permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; | (ii) l-informazzjoni għandha tkun disponibbli b'modi differenti u permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed; |
| (iii) għandhom jiġu pprovduti alternattivi għall-kontenut viżiv mhux testwali; | (iii) għandhom jiġu pprovduti alternattivi għall-kontenut viżiv mhux testwali; |
| (c) ***tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-prodotti*** użati fl-għoti tas-servizz***,*** skont ir-regoli stabbiliti fil-Parti A; | (c) ***il-prodotti*** użati fl-għoti tas-servizz ***għandhom ikunu*** skont ir-regoli stabbiliti fil-Parti A; |
| (d) ***tingħata informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà | (d) ***l-informazzjoni*** dwar il-funzjonament tas-servizz u dwar il-faċilitajiet u l-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà |

| | |
|---|---|
| ***relatati*** kif ġej: | ***tiegħu għandhom jiġu pprovduti f'formati diġitali u aċċessibbli*** kif ġej: |
| (i) ***il-kontenut tal-informazzjoni għandu jkun*** disponibbli ***f'formati testwali li jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw formati*** ta' ***assistenza alternattivi li jridu jiġu ppreżentati b'modi differenti mill-utenti*** u ***permezz ta' aktar minn kanal sensorjali wieħed,*** | (i) ***l-informazzjoni għandha tkun*** disponibbli ***f'format aċċessibbli fuq l-internet u f'format*** ta' ***dokument elettroniku mhux aċċessibbli fuq l-internet billi ssir perċettibbli*** u ***operabbli.*** |
| (ii) ***għandhom jiġu pprovduti alternattivi għall-kontenut mhux testwali;*** | (ii) ***l-operatur ekonomiku għandu jelenka u jispjega kif jintużaw il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tas-servizz u l-kompatibbiltà tiegħu ma' teknoloġiji ta' assistenza;*** |
| (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet onlajn relatati meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandha tiġi pprovduta*** skont il-punt (e)***.*** | (iii) l-informazzjoni elettronika, inklużi l-applikazzjonijiet ***u s-siti web*** onlajn ***u mobbli*** relatati***,*** meħtieġa fl-għoti tas-servizz, ***għandhom jiġu pprovduti*** skont il-punt (e)***;*** |
| (e) is-siti web isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali***;*** | (e) is-siti web ***u l-applikazzjonijiet onlajn meħtieġa għall-għoti tas-servizz*** isiru aċċessibbli b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, għat-tħaddim u għall-fehim mill-utenti, inkluża l-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli; u b'mod ***robust*** li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza disponibbli fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali; |
| (f) tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli biex jiġu ffaċilitati l-komplementaritajiet mas-servizzi ta' assistenza; | (f) tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli biex jiġu ffaċilitati l-komplementaritajiet mas-servizzi ta' assistenza; |
| (g) ***jiġu inklużi*** funzjonijiet, prattiki, politiki u proċeduri u tibdil fl-operazzjoni tas-servizz immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali. | (g) funzjonijiet, prattiki, politiki u proċeduri u tibdil fl-operazzjoni tas-servizz immirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'limitazzjonijiet funzjonali ***inklużi persuni b'diżabilità***. |

**Emenda 112**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – Taqsima – IX – Parti C – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. In-numru minimu ta' kmamar aċċessibbli għal kull stabbiliment għandu jkun:*** |
| | ***(a) kamra aċċessibbli għal stabbilimenti b'total ta' inqas minn 20 kamra;*** |
| | ***(b) żewġ kmamar aċċessibbli għal stabbilimenti b'aktar minn 20 kamra iżda b'inqas minn 50 kamra;*** |
| | ***(c) kamra supplementari aċċessibbli għal kull 50 kamra addizzjonali.*** |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi |
| **Referenzi** | COM(2015)0615 – C8-0387/2015 – 2015/0278(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>18.1.2016 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | EMPL<br>18.1.2016 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 15.12.2016 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Ádám Kósa<br>8.6.2016 |
| **Eżami fil-kumitat** | 1.9.2016 26.9.2016 5.12.2016 28.2.2017 |
| **Data tal-adozzjoni** | 3.4.2017 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 46<br>–: 0<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Laura Agea, Brando Benifei, Mara Bizzotto, Vilija Blinkevičiūtė, Enrique Calvet Chambon, Martina Dlabajová, Lampros Fountoulis, Elena Gentile, Marian Harkin, Danuta Jazłowiecka, Agnes Jongerius, Jan Keller, Ádám Kósa, Kostadinka Kuneva, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Thomas Mann, Dominique Martin, Anthea McIntyre, Joëlle Mélin, Emilian Pavel, João Pimenta Lopes, Georgi Pirinski, Marek Plura, Terry Reintke, Sofia Ribeiro, Robert Rochefort, Maria João Rodrigues, Claude Rolin, Sven Schulze, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Yana Toom, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Georges Bach, Elmar Brok, Karima Delli, Tania González Peñas, Sergio Gutiérrez Prieto, Evelyn Regner, Joachim Schuster, Helga Stevens, Tom Vandenkendelaere |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Françoise Grossetête, Andrejs Mamikins |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 46 | + |
|---|---|
| ALDE | Enrique Calvet Chambon, Martina Dlabajová, Marian Harkin, Robert Rochefort, Yana Toom, Renate Weber |
| ECR | Anthea McIntyre, Helga Stevens, Jana Žitňanská |
| EFDD | Laura Agea |
| EPP | Georges Bach, Elmar Brok, Françoise Grossetête, Danuta Jazłowiecka, Ádám Kósa, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Thomas Mann, Marek Plura, Sofia Ribeiro, Claude Rolin, Sven Schulze, Romana Tomc, Tom Vandenkendelaere |
| Green/EFA | Karima Delli, Terry Reintke, Tatjana Ždanoka |
| GUE/NGL | Tania González Peñas, Kostadinka Kuneva, João Pimenta Lopes |
| NI | Lampros Fountoulis |
| S&D | Brando Benifei, Vilija Blinkevičiūtė, Elena Gentile, Sergio Gutiérrez Prieto, Agnes Jongerius, Jan Keller, Andrejs Mamikins, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Evelyn Regner, Maria João Rodrigues, Joachim Schuster, Jutta Steinruck, Marita Ulvskog |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ENF | Mara Bizzotto, Dominique Martin, Joëlle Mélin |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni